**GĦADD SPEĊJALI**

It-Tmintax-il Sena | April-Ġunju, 1948 | Għadd 206-208

# Leħen il-Malti

**MAĦRUĠ**
**MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')**

*"Il n'est pas exagéré de dire que c'est grâce à ces formulettes, donc grâce au folklore, que l'être humain commence à passer de l'état de petit animal semi-conscient à celui d'être spécifiquement determiné, en tant que* Homo Sapiens". (A. Van Gennep)

# GĦANA W TAQBIL IT-TFAL

**STUDJU FOLKLORISTIKU**

TA'

**Ġ. CASSAR PULLICINO**

**ALL SORTS OF EDUCATIONAL**

and

**ECCLESIASTICAL BOOKS**

CAN BE OBTAINED FROM

# A. C. AQUILINA & CO.

**58d, KINGSWAY — VALLETTA**

(TEL. CENTRAL 4774).

---

# WASLULNA

**IL-HABBAR TA' SANT'ANTNIN TA' PADOVA,** qari Malti ta' kull xahar tal-Minuri Konventwali, u **MELITA THEOLOGICA,** rivista maħruġa mir-"Royal University Students' Theological Association".

Nirrikmandaw dawn iż-żewġ rivisti bħala qari interessanti, ta' l-ewwel kitba reliġjuża popolari u tat-tieni xogħol ta' studju teoloġiku.

# LEĦEN IL-MALTI

APRIL-ĠUNJU 1948. IT-TMINTAX-IL SENA Għadd 206-208.

## Għana w Taqbil it-Tfal

(*Studju Folkloristiku ta'* G. CASSAR PULLICINO)

WARA li ġbarna l-ewwel kelmiet u l-ewwel għidut li flimkien jagħmlu l-vokabolarju tat-tfal Maltin (1) imiss ingħidu fuq il-għanjiet ħfief u t-taqbiliet li l-ommijiet igħallmu 'l uliedhom biex iżommuhom kwieti meta jkunu żgħar ħafna, jonkella li l-ulied igħidu huma nfishom waqt il-logħob ta' bejniethom. Għedna li biċċiet minnhom igħiduhom l-ommijiet lill-ulied. U għedna sewwa, għax sakemm it-tarbija titlaq il-sienha u tibda titkellem bħall-kbar, jiġifieri sakemm tibda biex tgħid *laħam* flok *zizu*, *żiemel* flok *tuttu* jonkella *kelb* flok *tetu*, irid ikun xi ħadd bħall-omm biex idaħħalha fid-dinja l-ġdida taż-żgħurija u tat-tfulija. Insibu f'dawn l-ewwel taqbiliet ideat, sempliċi kemm tridhom, imma li jiswew biex iwessgħu l-moħħ ċkejken, iħallu l-ispirtu tal-bniedem jinfexx fit-tlissin ta' kelmiet imqabbla b'kadenza monotona li mingħajrha t-tfal ta' kull pajjiż donnhom ma jirnexxilhom jitgħallmu xejn.

Semmejna d-dinja ġdida taż-żgħurija. Issa din mhix dinja ta' ħsebijiet, ta' dwejjaq u ta' tfixkil, imma dinja tal-hena, ta' logħob u għana li flimkien jagħmlu l-ħajja tat-tfal ta' kullimkien. Arah dak it-tfajjel imqareb joħroġ barra, jiġġiera u jitliegħeb ma' sħabu. Xita u xemx għalih xorta. Jekk tagħmel ix-xita jċaflas b'saqajh fl-għadajjar u jtellaq is-sulfarini jod-dgħajjes tal-karta ma' l-ilma għaddej jiġri minn taħt il-bankina; jonkella, meta x-xita tisħa, tarah sejjer bil-landa f'idu biex jiġbor il-bebbux. Igħaddi l-maltemp, u t-tifel joħroġ idawwar iċ-ċirku bl-istikka, jew jaqbad il-friefet biex imbagħad jibbalzmahom bejn il-paġni tal-ktieb, jonkella jagħmel vleġġa, bil-lastiku u bil-balal tal-fildiferru, biex jispara għall-gremxul u għall-għasafar. U jekk jirnexxilu jaqbad xi xaħmet l-art arah tielaq jiġri, se jtir bil-ferħ, jagħtih lill-ispiżjar biex minnu dan jagħmel id-duwa. Barra minn dawn hemm il-qbid taż-żringijiet minn qiegħ il-widien it-tħaffir taħt is-sejjieħ għall-ħanxul u t-titjir

1. Ara l-istudju tiegħi *Kliem u Għidut it-Tfal* f'*Leħen il-Malti*, Għadd 173-175, 176-178, 179-181, 182-184, 185-187, 191-193, 194-196.

tal-ħamiema (2) fis-sajf. Jasal Ġunju u l-qiegħa tinkesa bit-tiben, u t-tfajjel tagħna ma jixba' qatt jaqlibha u jagħmel il-kutri umbajsi fuq it-tiben. Żmien il-bħajra missieru jgħawwarlu dolliegħa, iqiegħed fiha xemgħa tixgħel u t-tifel igħaddi biha mat-triqat, b'ruxxmata tfal warajh. Wara s-Sajf il-Ħarifa u għal San Martin kulħadd bil-borża mimlija bil-lewż, ġellewż, ġewż, laring u qastan. Fl-aħħar jasal il-Milied, bil-kagħkiet tal-qastanija, u sa mill-Kunċizzjoni jibda' jaħsiblek biex jiżra' l-qamħ u x-xgħir u l-ġilbiena għal fejn il-Bambin, jonkella jiġbor il-gagazza minn fejn il-ħanut tal-ħaddieda jew tal-forn biex jagħmilhom fil-Presepju tal-Milied. Imbagħad hemm ukoll il-ħġejjeġ ta' lejlet San Ġwann, il-bandla ta' Lapsi, il-logħob taż-żibeġ u tal-boċċi u tal-lewż, it-tidwir taż-żugraga u tal-pizzikajju u ħafna ħwejjeġ oħra li kull wieħed minna jehda bihom fi tfulitu. Dan huwa żmien il-hena u t-tgawdija, żmien li jgħaddi malajr wisq. U meta nikbru nħarsu lura lejh b'sogħba kbira ġewwa qalbna, u xi ħadd minna jagħraf kemm pinġieh tajjeb G. A. Vassallo daż-żmien ħelu taż-żgħurija meta kiteb :

> "O żmien ħelu, kif għaddejtli,
> Żmien ta' meta kont bla ħtija !
> It-tifkira biss ħallejtli
> Biex il-għira nħoss għalik :
> Int ma tarġa' iżjed għalija
> U sal-mewt indum nibkik".

Imma aħna hawnhekk għandna x'naqsmu mat-taqbil ta' waqt il-logħob li t-tfal jisimgħu minn għand xulxin, taqbil li jkun wasal għandhom minn għand missierijiethom jonkella li jissawwar l-ewwel darba minn wieħed minnhom, jisimgħuh u jitgħallmuh sħabu u hekk biż-żmien igħaddi għand ta' warajhom kif il-logħob u l-għanjiet ta' qabel żmienhom kien għadda għal għandhom. Qegħdin ingħidu, fost oħrajn, għal dak it-taqbil li l-Ingliżi jsejħu *nursery rhymes.* Huwa mera ta' l-immaġinazzjoni għammiela tat-tfal ċkejknin li joħolqu ambjent ta' seħer fejn kollox jista' jiġri, u mqar ħaġa ta' taħt fuq tinbidel f'ħaġa sewwa kif għandha tkun u kelma bla sens issir mimlija tifsir li t-tfal jifhmuh waqt li aħna l-kbar ma nagħarfuhx.

---

2. Hekk igħidulha f'ħafna postijiet ta' Malta u Għawdex. F'oħrajn il-*ħamiema* hija *tajra*, iż-Żejtun *manoċċa* u B'kara *fjamma*.

Ħaġa li ftit Maltin jaħsbu fiha hija li dan it-taqbil huwa l-ewwel idea ta' letteratura li nitgħallmu f'ħajjitna. Minn meta jibdew iħajruna nċapċpu jdejna u ngħidu "banni bannozzi" sa meta nitfarfru u nibdew niġġieldu bejnietna t-tfal u nagħmlu "paċi kulaċi", sew jekk meta naqilgħu l-ewwel sinna nfittxu niżirgħuha ġol-qasrija u nqabblu "sinna basinna" kemm ukoll jekk ingħannu l-ġrajja tat-tfajjel Ferdinandu, "li l-qassis ma riedx igħammdu" qegħdin il-ħin kollu, bla ma nafu, nogħġbu l-widna ċkejkna tagħna bir-rima, jew għallinqas bil-ħoss tal-vokali jixxiebhu—bl-assonanza. Għax dan l-istint tat-taqbil qiegħed fil-bniedem, ukoll fl-iktar stat primitiv tal-ħajja, u bħal inħossu li ħaġa ma tkunx fissret sewwa dak li għandha tfisser jekk kemm-il darba ma tkunx f'versi jaqblu li nistgħu nitgħallmuhom bl-amment u ngħiduhom bla taħbit ta' xejn (3). Imbagħad, meta nikbru, nitgħallmu naqraw u biex ingħid hekk ninsew dawn l-ewwel taqbiliet, l-ewwel ħbieb tagħna li ressquna l-ewwel darba wiċċ imbwiċċ ma' waħda miż-żewġt ifriegħi tal-letteratura ta' kull pajjiż—mal-poeżija.

Mela l-ewwel letteratura li, fis-sens wiesgħa tal-kelma, ingawdu fi tfulitna huwa t-taqbil, il-versi. U tassew! Kienet il-poeżija li tatna għall-ewwel darba dak is-sens ta' avventura li jibqa' jikber magħna fil-ħajja. Qabel ma t-tfal Ingliżi, ngħidu aħna, jaslu biex jaqraw u jifhmu l-*Comics* b'dawk l-istampi ta' ħafna lwien, u qabel ma jaqbdu f'idejhom kotba għat-tfal bħal *Water Babies* ta' Kingsley, jonkella *Alice in Wonderland*, li wieħed *lecturer* tal-Matematika f'Oxford, Charles Dodgson, magħruf bħala Lewis Carroll, ħarref fuq ix-xmara għal waħda tifla darba waħda fis-sajf, ikunu ilhom li tgħallmu bl-amment id-*doggerels* ta' Humpty Dumpty li waqa' u tfarrak minn fuq il-ħajt, ta 'Little Jack Horner li qagħad jiekol il-*Christmas pudding* f'rokna għalih, ta' King Cole, li għalkemm xiħ, kien baqa' ferrieħi, tal-baqra belha li qabżet mill-qamar, ta' Miss Muffet li beżgħet mill-brimba u oħrajn li huma hekk ħafna li ma jingħaddux. Ta' l-istess għamla, beju wieħed u ieħor, huma n-*Nonsense Rhymes* ta' Edward Lear, pittur li kien l-iżgħar wieħed fost 21 aħwa u li sewwa sew mitt sena ilu fettillu joħroġ dak it-taqbil ħafif tiegħu li l-lum, kif kien hemm min qal, sar biċċa meħtieġa mill-edukazzjoni tat-tfal

3. Ara l-istudju ta' Robert Lynd fil-ġabra *An Anthology of Modern Verse* (London, 1925, Introduction pp. ix-xiii).

Ingliżi (4). Fost kotba oħra għat-tfal insemmu wkoll wieħed bit-Taljan fuq Pinocchio, ta' Collodi, li bħall-poeti l-oħra tat-tfulija, irnexxielu jżomm fil-kitba tiegħu dik is-sempliċità u dak is-seħer tan-*nursery*, niżel għall-livell ta' moħħ it-tfal u ħares lejn id-dinja bin-nuċċali tagħhom.

Bħat-tfal Ingliżi, l-ewwel avventuri tagħna ngħiduhom fil-versi. Tiftakar, ta' tfal li konna, kemm imraħna bl-immaġinazzjoni tagħna, nirgħu l-mogħoż wara x-xita "biex il-mogħża ttina l-ħalib"; kemm fraħna aħna u sejrin għal San Girgor "bit-tuttuwa ta' Sidor"; kif stagħġibna b'dak l-Anġlu Bellu li keilu "saqajh tal-fildiferru" jew bin-nanna li rajna "tilgħab il-boċċi" waqt li tkun "ix-xita u x-xemx". Iddendilna bil-ħsieb mal-kannizzata flimkien mat-tifel imqareb "li kiel l-għeneb mhux misjur", u kelna seba' mitt sena mmoru t-tieġ halli nieklu "frawli biz-zokkor u pastizzi tat-tiġieġ". U x'biża' magħna meta smajna "Baqrambu! X'kilt il-lum?". Jonkella kemm ġrejna wara s-Sultan li ħabat mat-tigan, li jrid il-bajd m'għand it-tiġieġa, li trid in-nuħħala m'għand il-furnara, li trid il-flus m'għand l-istampier, biex sa fl-aħħar morna ntellgħu l-qannata mill-bir u nqatagħlna l-ħabel ta' l-istoppa... u ħalliena qalbna sewda, imbikkmin...! Dawn trid tkun tifel biex tifhimhom—meta tikber ma tibqax taf x'jiġifieri; imma fid-dinja tfal hemm daqs kemm hemm irġiel u sakemm jibqa' jkun hemm tfal dan il-logħob u dan it-taqbil jistgħu jinbidlu imma le jinqerdu.

Imma taħsbux li dawn ko'lha ħwejjeġ taċ-ċajt, jew xogħol ta' min m'għandux x'jagħmel biss. Għal ħafna nies li jfittxu l-mera tal-ħajja ta' l-imgħoddi mhux biss fl-istampi u fil-karti u fil-palazzi qodma, dawn kollha huma dokumenti jitkellmu ta' żmien l-imgħoddi li l-Istorja ma nizżlets, ta' ħajja li għaddiet bla ħadd ta każ tagħha, medhijin kif aħna fit-taħbit tal-ġrajja nfittxu naqilgħu l-ħobża ta' kuljum (5). Fi kliem ieħor l-istudjuż jilmaħ fil-għana u fil-kliem sempliċi ta' waqt il-logħob tat-tfal il-fdalijiet tal-forma tradizzjonali tal-ħajja tagħhom, li darba kienet tagħna, u f'dawn il-forom jara wkoll minn daqqiet drawwiet u twemmin, għanjiet u żifniet li darba waħda kienu tal-kbar imma mbagħad, mal-mixja tas-snin, mal-bdil tal-ħajja u tal-koltura fil-pajjiż, għaddew minn fuq għal isfel—mill-kbar għal għand iż-żgħar—u hekk il-lum

---

4. Ara l-artikolu *Apostle of Absurdity* ta' James Dowdall fl-*Everybody's* tat-28 ta' Frar, 1948, p. 14.

5. Ara G. Pitrè: *Saggio di Giuochi Fanciulleschi Siciliani*, Palermo, 1877, pp. 29, fil-kelmtejn qabel *Al Lettore*.

ma nsibuhomx ħlief fost it-tfal iż-żgħar. Ara kif fisser ruħu fuq hekk Lewis Spence, studjuż Ingliż: "*What have the rhymes to tell us when at last we penetrate their mysteries? Some of them have been found to refer to the shadowy divinities of ancient and forgotten religions, to kings half-mythical or to antique customs, partially remembered from the dark ages. If the results of inspection have scarcely enriched the sum of human knowledge, they at least reveal the manner in which scraps of popular belief become embalmed and are handed down from one generation to another*" (6). Studjuż ieħor ta' żmienna kiteb hekk fuq l-istudju ta' dawn il-formuli u taqbil: "*Aussi l'étude de ces formulettes n'est-elle pas, comme tant de gens l'imaginent, une amusette indigne d'un savant; mais c'est une voie détourneé, presque la seule que nous possédions, pour étudier le mecanisme de la formation de la mémoire et de la personalité enfantines*" (7).

Il-ħajja tat-tfulija hija kollha kemm hi proċess ta' imitazzjoni, u sew fil-kliem, kemm fil-logħob u fit-taqbil tat-tfal insibu tixbih qawwi mal-ħajja tal-kbar. Jekk iż-żgħar jieħdu gost meta nrikkbuhom fuq dahama "qużżużejt", fil-logħob tagħhom "tal-mamà", jew "tal-knisja" jonkella bid-dgħajjes żgħar ma jkunux ħlief jagħmlu, fiċ-ċokon, dak li jaraw isir mill-kbar fid-dar, fil-knisja jew fuq il-baħar. Biex aktar nuru x'irridu ngħidu, nieħdu l-*vleġġa* u l-*iżbandola*. Fl-ewwel żmenijiet, qaqabel ma l-bniedem ivvinta l-ixkubetta u l-kanuni, kien jiġġieled bil-vleġeġ mixħutin mill-qaws u bl-iżbandola. Fil-Kotba Mqaddsa naqraw li David qatel il-Ġgant Gulija b'ġebla mwaddba bl-iżbandola, u sas-seklu XV il-qaws u l-vleġġa kienu għadhom jiġġieldu bihom l-eżerċiti kollha ta' l-Ewropa. X'sar minnhom il-lum? L-iżbandola narawha biss f'idejn xi tifel ragħaj biex ikeċċi l-bhejjem biha, u l-vleġġa, magħmula tal-fildiferru, bil-lastiku u bil-balal tal-fildiferru wkoll, jisparaw biha, bħala għodda tal-logħob, it-tfal għall-għasafar, għall-gremxul u għax-xaħmet l-art. Jiġifieri żewġ għodod tal-qirda ta' żmien il-qedem il-lum saru ħwejjeġ ta' logħob f'idejn it-tfal. U bħal fil-logħob, hekk ukoll insibu fil-formuli u fit-taqbil li huma s-suġġett ta' dan l-istudju (8).

---

6. Ara l-artikolu ta' Lewis Spence *Nursery Rhymes*, fl-*Everybody's* tat-8 ta' Frar, 1947, p. 14

7. Arnold Van Gennep: *Manuel de Folklore Francais Contemporain* Vol. I, (1943, p. 162).

8 Fuq dan l-argument ara iktar fit-tul G. Pitrè: *Giuochi Fanciulleschi Siciliani*, Torino-Palermo, 1883, pp. xxiii-xxxv.

Naqqas biċċa sewwa minn ħajtek, u ilmaħ lilek innifsek tfajjel imqareb, tinbex ix-xemx għaddejja, tixxengel fl-art ma' sħabek u tgħid bil-kantaliena tas-soltu l-versi qosra li jibdew "Dgħajsa galjotta". Il-kliem mat-tbandil itik x'tifhem li qiegħed tabiiħaqq fuq il-baħar, u ta' tifel li int aktarx li dan biss taħseb meta tkarkar dawk l-erba' versi. Imma issa li kbirt erġa' għid f'qalbek dawk l-istess kelmiet u ieqaf aħseb ftit fuq kull vers. X'dehra ta' ġrajja Maltija jġibulek quddiemek! Ix-xniebek u x-xwieni u l-galjotti li kienu jaħbtu għal xulxin kull fejn "l-Insara qaddisin" jiltaqgħu mat-"Torok kanalja" fuq il-baħar, jerġgħu jħammru bid-demm tat-taqbida, u jekk tibqa' taħseb ftit ieħor għandek mnejn tiftakar f'dawk l-imsejkna nies li waqgħu lsiera, intrabtu mal-bank tal-qaddiefa bis-sawt ta' l-argużin iċaqċaq fuq l-għera ta' daharhom misluħ. Dawn huma d-dehriet ta' ħajja nofsha minsija li misserijietna għaddew minnha u li l-ium insejnieha, ħlief f'dawn l-erba versi li t-tfal tagħna jgħidu, fejn tinsab miġbura l-qalba tal-ġrajjiet qalila li kienu jgħixu misserijietna l-qodma.

Fin-Nri. XXI, XLII u XLVI (10) insibu l-versi (1) *u n-nannu daħal ġos-siegħ* u (2) *igdimha u busha.* Mit-test tat-taqbila Nru. XXI nieħdu li n-nannu daħal ġos-siegħ biex ma jħossx il-bard. Li dari kien jagħmel ksieħ iktar nafuh mill-qawl "Marzu Marzellu, jaħraq il-moxt u r-rixtellu", i.e. kien jagħmel hekk ksieħ f'Marzu li misserijietna, li ma kienx jifdlilhom aktar xi jqabbdu, kienu saħansitra jkebbsu għas-sħana żewġ biċċiet min-newl li kien il-għajxien tagħhom. Imma li kienu jidħlu ġos-siegħ jidhrilna li ma jistax ikun għax is-siegħ żgħir wisq biex jesa' bniedem. Biss l-idea li jidħlu f'xi ħaġa żgħira għal-kenn ma tidhirx imbiegħda wisq minn dik il-leġġenda li jgħidu hawn Malta fuq Kristu, meta ltaqa' ma' mara li kienet hekk fqira li 'l uliedha kienet iżżommhom ilkoll taħt il-lenbija għas-sħana (9). U ftit ilu wieħed tabib qalli li f'Raħal im-

9. Inġib din il-leġġenda kif smajtha mill-Munxar, Għawdex:—

'Darba Kristu kien għaddej mit-triq u kien hemm mara kellha ħafna tfal. U dat-tfal kienet iżżommhom taħt il-lenbija għax kienet fqira wisq u ma kellhiex xi tlibbishom.

Meta kien għaddej Kristu harġithom minn taħt il-lenbija u ressqithom quddiem l-Imgħallem. U Dana tahom it-talenti, 'il min tah sengħa u 'l min tah oħra biex jaqla' x'jiekol biha.

Imbagħad kien għad baqagħlha erbat itfal li, billi kienu maħmuġin u mqattgħin iktar mill-oħrajn, ħalliethom taħt il-lenbija. Qaltlu: "Sinjur, jien għad baqagħli tfal taħt il-lenbija". U l-Imgħallem qalilha: "Dak tħabbatx rasek. Dawk igħixu ma' l-oħrajn".

bieğħed f'dawn il-gżejjer darba sab wieħed ibati bir-rewmatiżmu qiegħed għas-sħana ta' miżbla! Dwar il-vers *igdimha u busha* xejn ma għandna naħsbu li din hija kontradizzjoni. Min jisma' sewwa x'igħid il-Malti jifhem li fit-twemmin qadim tagħna l-Maltin "min jigdmek iħobbok". Jiġifieri, dik l-omm li dommha tkun tidher tigdem lit-tarbija tkun, fis-sewwa, qed tħobbha. Għalina "min joqros jobgħod", u bħal m'hemm filvers li semmejna, gidma u bewsa t-tnejn ifissru mħabba.

Eżempju ieħor qabel ngħaddu għal ħaġa oħra. Ftit huma dawk li qatt ma raw jew semgħu t-tfal tagħna jilagħbu fit-triqat il-logħba tal-kavalier "in giro in giro ngella". Sigħat sħaħ jehdew it-tfal f'din il-logħba, imma għalina, barra li hi logħba, għandha tifsira wisq aktar ta' siwi. Jekk tixtarr sewwa l-kliem li jgħidu t-tfal f'din il-logħba ssib li qabel il-kavalier kien ħareġ idur *il-paxxatore*. Min hu dal-paxxatore? Huwa l-ambaxxatur (It. ambasciatore) li, bħall-ħuttab fiż-żweġijiet Maltin, telaq quddiem ifaħħar lill-kavalier mat-tfajla sabiħa li l-kavalier kien xtaq b'għarusa tiegħu. La tifhem dan mhix ħaġa tqila tagħraf f'din il-logħba l-fdal tal-ħajja u d-drawwiet kavallereski ta' dari. Issa din il-logħba hija mxerrda ħafna fl-Ewropa u jaħsbu li mnissla minn drawwa Ċeltika. Pitrè jikteb hekk fuqha: "*Il giuoco dell'Ambasciatore, così ovvio in Italia, in Albania, Spagna, Portogallo, Francia e altrove, ritrae da un antico uso celtico, che dura pur sempre fra i Bretoni, e che probabilmente fù in Italia. Esso riproduce, al vivo, tutta una chiesta nuziale alla maniera celtica per la gran parte che nelle nozze assume l'ambasciatore, sebbene la chiesta stessa, in genere, e le danze che la conchiudono siano conformi a tutto il rito europeo*" (10). L-istess kittieb igħidilna li, għalkemm il-logħba ma qabdetx għeruq fi Sqallija, f'Palermo kienet popolari ħafna fl-iskejjel privati. Ma nistgħux ingħidu jekk il-logħba tagħna taqbelx jew le fl-irqaqat barra milli fl-idea, biss bir-riħ tagħha nistgħu ngħidu li f'Malta għandna wkoll fit-tradizzjoni tagħna tifkira ta' dik il-ħajja kavallereska li f'pajjiżi oħra ħarġu minnha jew inbnew fuqha l-poemi kbar, il-*Poema del Cid* fi Spanja, il-leġġendi ta' King Arthur fl-Ingilterra, iċ-*Chanson de Roland* fi Franza u, wara ħafna, l-*Orlando Furioso* fl-Italja. Tassew li hemm qabża kbira bejn dawn ix-xogħlijiet kbar u l-logħba li jilagħbu t-tfal Maltin, u barra hekk anqas nistgħu ngħidu li hawn Malta fadlilna t-tifkira fost il-poplu ta' dawn il-qalbiena li semmejna, bħal-

10. G. Pitrè: *ibid.* p. xxxviii.

ma għadha sħiħa fi Sqallija fit-tijatrini tal-poplu; biss jibqa' minnu li sew id-djalogi tal-logħba Maltija u kemm ukoll il-poemi l-kbar huma mibnija fuq is-sens immaġinattiv u romantiku tal-bniedem li nfirex ma' l-Ewropa kollha, u, kif ma setax jonqos, wasal ukoll hawn Malta.

Xi ftit mit-taqbiliet li sa nġibu huma formuli li bihom isir il-għadd qabel ma jibda l-logħob. Fuq min tiġi l-aħħar sillaba jibda hu jonkella 'joqgħod qattus'' skond il-logħba xi tkun (Ara Nru. XLI (1-5). F'dawn kif ukoll f'taqbiliet oħra, insibu xi kelmiet li ma niltaqgħu magħhom imkien ieħor fil-Malti. Diġa semmejna darb'oħra l-kelma *xituta* (11), li hija d-diminuttiv ta' *xita*, forma grammatikali li għoddha spiċċat fil-Malti tneħħi kelmiet bħal *żaqquqa*, *ċkejkuna* u *qarnuna*. Hemm ukoll kliem li, sa fejn nistgħu ngħidu, ma jfisser xejn u qiegħed hemm għar-rima biss. Hekk il-kelma *koċċi* (Nru. XIX), bla sens, taqbel ma' *boċċi*; u l-istess *ċentna* (Nru. XLVII (15) ma' *mentna* li huwa isem ta' ċimiterju n-naħa ta' l-Imqabba: *tura* (Nru. XLVI) ma' *għabura*, nagħġa ta' sena, li l-plural tagħha *għebejjer* niltaqgħu miegħu bħala kunjom Malti. Barra minn hekk tolqotna fihom ir-rima interna fl-ewwel vers ta' xi taqbiliet, donnu biex iktar jiġbdu lil min ikun jisma' Hekk għandna strofi li jibdew b'dawn il-versi : *paċi kulaċi* (Nru. IV), *sinna basinna* (Nru. V); *solluzzu buzzu* (Nru. VIII); *ċallas ballas* (Nru. XLVI), *una peduna* (Nru. XLVII (15); *Calleja ħobża nejja* (Nru. XV) u oħrajn. Issa biċċa minn dan il-kliem mhux la kemm tifhmu. Ngħidu aħna *kulaċi* x'għandha x'taqsam ma' *paċi?* Kull ma nafu li Għawdex, il-Munxar, hemm Triq Kulaċi, u għalhekk aktarx li kien xi kunjom il-lum mejjet. *Basinna*, bħal *Businna*, smajnieh bħala laqam; *ċallas ballas* hu għidut, ifisser ta' kafkaf, imma *solluzzu* ma nafx għax għandu jkun *buzzu* jekk mhux biex jaqbel biss.

Taqbil ieħor għandu l-ewwel vers magħmul minn żewġ kelmiet qishom l-istess waħda, imma mibdula xi ftit jew miżjuda. Hekk għandna *banni bannozzi* (Nru. III), *Tat-Tila Tula* (Nru. XXIII), *Dura Durella* (Nru. XXXIII), *Tanga Tanguna* (Nru. XLII), *Kola Kola* (Nru. XLIII), *Johnnie Ġonta* (Nru. XLVII (4), u oħrajn. Xi studjużi jaraw f'dawn il kelmiet jixxiebhu l-paralleliżmu ta' l-ideat li nsibu fil-poeżija orjentali (12).

Ma ninsewx insemmu li r-rima f'dan il-għana tat-tfulija hija aktarx

11. Ara *Leħen il-Malti*, 1945, p. 72.
12. G. Pitrè: *ibid.* p. lxii.

imbewwsa, għalkemm hemm ukoll ir-rima alternata. Il-versi, imbagħad, huma ta' kull daqs. Fit-taqbiliet twal issib bħal xejra biex l-aħħar kelma tal-vers tkun ukoll l-ewwel kelma tal-vers li jmiss. Hekk għandna versi bħal dawn:

I. Il-qattus girifli denbi,
Denbi ravjula......
(Nru. XXVII)

II. Ar'min hu għaddej,
Għaddej Ġesù Bambin......
(Nru. XXXIX)

III. Il-Kappillan ma riedx igħammdu,
Igħammdu bil-fors......
(Nru. XXXI)

IV. Mar jixtrili kwart trumbuni,
Trumbuni jittrumbunjaw......
(Nru. XXXVII)

Imma l-aktar li narawh dan fil-ġrajja tas-Sultan li ħabat mat-tigan (Nru. XXXIV), fejn l-ewwel kelma ta' kull vers hi l-aħħar kelma tal-vers ta' qabel. Din il-ħaġa nsibuha wkoll fit-talb tal-poplu u, iktar bid-dieher, fil-għana ta' fuq il-kitarra, fejn waqt it-taqbil il-għannejja jaqbdu kull min imissu l-aħħar vers li jkun spiċċa sieħbu, u fuqu jsawru għanja oħra li jqabblu huma dak il-ħin stess.

Niltaqgħu wkoll ma' xi taqbila li għandha minn Kliem ir-Riqi. Nieħdu n-Nru. VIII, li l-ommijiet igħidu meta t-trabi jaqbadhom is-sulluzzu. Fiha nfisha din mhijiex ħlief ġabra ta' kliem biex bihom tiskonġra u twaqqaf is-sulluzzu li jkun qed ikidd it-tarbija. L-istess bħal meta, biex ineħħu l-ħżieża, igħidu:

Ħżieża, ħżieża,
Mur għand ommok
Il-moqżieża.

jew, bħal meta, għall-uġigħ l-għajnejn, ingħidu aħna, il-qarnita, tisma':

Santa Margerita
Neħħi l-għabra u l-qarnita.

Taqbil tat-tfal bi fdalijiet ta' skunġrar u riqi nstabu kullimkien. Pitrè jsemmi li Eug. Rolland, fil-ktieb tiegħu *Rimes et Jeux de l'Enfance* (Paris, 1883), semma kanzunetta tat-tfal minn Sologna li sal-bidu tas-Seklu Dsatax kienet formula ta' skunġrar, u li l-istess Rolland fuq hekk

wasal biex jemmen "*que beaucoup de formulettes enfantines sont d'anciennes incantacions*" (13).

Minn dan li għedna s'issa jista' jkun hawn min jaħseb li l-għanjiet u t-taqbiliet li ġbarna huma kollha qodma ħafna. Imma mhux hekk. Hemm minnhom li nistgħu ngħidu li huma ta' żmienna. Xejn m'għandna għax nistagħġbu li l-lum għadu qed jinħoloq il-folklore, il-għaliex dan jinbidel biss jista', imma jmut le. Jiġifieri għalkemm il-qadim jintesa, sakemm it-tfal u l-kbar jibqagħlhom l-immaġinazzjoni u jibqgħu maħkumin mill-biża' u jemmnu fin-niket u l-ferħ tal-ħajja, daqshekk ieħor jibqgħu joħolqu u jsawru għanjiet u taqbiliet ġodda, twemmin u superstizzjonijiet ġodda. Mela kull ħaġa ġdida tista' toħloq il-folklore tagħha. Ta' din il-għamla huma t-taqbiliet tat-tfal fuq in-numri, u l-ittri ta' l-alfabett. Qabel ma t-tfal bdew imorru u jitgħallmu l-iskola ma setgħux iqabblu fuq l-*a*, *b*, *ċ*, jew fuq is-*surmastru bil-barjola* u s-*sinjora pulċinella* (Nru. X). L-istess jiġri l-lum. It-tfal tagħna jafu jaqraw u jiktbu bl-Ingliż u għalhekk idaħħlu kliem jew versi bl-Ingliż li magħhom iqabblu kliem u versi Maltin. Eżempju ta' dan insemmu dik it-taqbila li tibda *Ain't she sweet!* (Nru. XLVII (2).

Mit-tixbih li nagħtu taħt it-taqbiliet Maltin naraw kif l-istess ideat nisslu għanjiet tat-tfal li jixbhu lil tagħna f'pajjiżi oħra. Għalkemm dan it-tixbih kien ikun aktar minnli li kieku ġew f'idejja xogħlijiet iktar bħal dak ta' Pitrè *Giuochi Fanciulleschi Siciliani* (1883), mill-ftit varjanti barranin li nġibu naraw li għall-istudju komparat tal-folklore Malti rridu qabel xejn infittxu t-tixbih li hemm bejn dan u dak tax-xtajta mis-Sirja sa l-Eġittu, mill-Eġittu sal-Marokk u Spanja, u fil-gżira ta' Sqallija. Billi l-għadd tax-xebh li naraw ma' ta' Sqallija huwa ikbar mhux b'daqshekk ifisser li minn dejjem kien hekk. It-taqbil li ġbarna f'dan l-istudju huwa kulma wasal għandna l-lum; imma billi dax-xogħol ħadd ma daħal għalih qabel kulma nistgħu nagħmlu huwa li nqisu din il-ġabra bħala l-aħħar saff li żdied mat-tradizzjoni Maltija. Qabel dan kien hemm għanjiet oħra li t-tfal tagħna kienu jgħidu u li biż-żmien intesew. U billi l-kurrenti ta' l-istorja tagħna tnisslu mill-Lvant, fejn l-ewwel il-Feniċi u l-Kartaġiniżi u mbagħad l-Għarab tferrxu lejn il-Punent, biex tfittex il-fdalijiet tat-twemmin li ġarrew magħhom kull fejn marru trid timxi fuq ir-rotta li ħadu huma bħalma mbagħad, fi żmien eqreb lejna, irridu nersqu

13. **Pitrè: Ibid. p. xxvii.**

lejn Sqallija, li minn żmien il-Għarab għal bosta sekli ġarrbet l-istess taqlib, bejn wieħed u ieħor, li ġarrabna aħna biex fiha nsibu analoġiji mat-tradizzjonijiet tagħna.

L-ikbar rabta mal-*canti fanciulleschi* ta' Sqallija narawha fir-ritmu u l-metru tat-taqbil. Imma mbagħad dan l-istess metru nsibuh fin-*nursery rhymes* Ingliżi, kif ukoll fil-ftit varjanti Franċiżi u ta' pajjiżi oħra li rnexxielna nsibu. Jiġifieri f'din il-ħaġa aktarx issib li l-kant tat-tfal huwa kollu xorta kullimkien.

Ħaġa li tolqtok hija kif il-kliem ta' xi taqbil jidher qlib, kelma b'kelma, ta' oħrajn Sqallin. L-iktar li jidher dan fin-Nru VIII. Biex infissru dan hija ħaġa tqila. Għax jew ikollna ngħidu li min ġiebhom Malta kien jaf biżżejjed Malti biex qalibhom sewwa, bla taħsir ta' kliem Sqalli, jonkella li qalhom il xi ħadd Malti li jaf bl-Isqalli li mbagħad qagħad jaqlibhom bil-Malti. Imma b'hekk ma nħollux il-għoqda. Il-lum qed naraw li t-taqbiliet Ingliżi, tat-talkies u mhumiex, li daħlu fostna bil-Malti ma nqalbux mill-Ingliż imma saru bi kliem u ħsebijiet li mhux dejjem jaqblu ma' l-oriġinal, biss dejjem kif titlob il-widna Maltija. Hemm imbagħad taqbiliet oħra li ssibhom Malta (Nru XLI u XLVIII) li l-kliem tagħhom għandu mill-Isqalli u ma jidhrux fil-ġabriet Sqallin li ġew f'idejna. Jekk ma ssibhomx Sqallija, jista' wieħed iqishom bħala formazzjoni lokali fuq widna barranija.

Mhix ħaġa ħafifa tgħid kif daħlu Malta t-taqbiliet tat-tfal Sqallin. Mill-ħafna teoriji l-aktar li tista' titwemmen hija dik li ġiebuhom magħhom il-qaddejja nisa Sqallin li kienu jidħlu mal-għonja Maltin. Nafu li dawn, fi żmien l-Ordni, imħabba l-ħmerijiet ta' moħħ il-Kavalieri li ma redux igħarfu n-nobbli Maltin, kienu jmorru Sqallija meta tkun sa titwieled tarbija u jerġgħu lura Malta wara żmien. Mhux għaġeb li kienu jġibu magħhom il-qaddejja Sqallija. U din, billi tad-demm u l-laħam, kienet wara żmien titħallat hawn Malta, fejn tkun tgħallmet xi ftit bil-Malti wkoll, u għallmet imbagħad 'l uliedha t-taqbil li kienet tgħid hi meta kienet żgħira, biss b'libsa ftit jew wisq Maltija. Ma' dan inżidu li billi ż-żgħir dejjem jixtieq jagħmel bħall-kbir, seta' ġara li n-nisa tal-poplu ż-żgħir kienu jagħmlu ħilithom kollha biex uliedhom jitgħallmu l-istess għana li kienu jisimgħu l-qaddejja Sqallija tgħid lil ulied il-għonja. Hi kif inhi, daħlu hawn Malta, xterdu fost il-poplu ż-żgħir u iktar ma jmur iktar bdew jitgħawġu u jiżdiedu sa ma l-lum waslu għandna b'libsa iktar Maltija milli Sqallija u trid tkun tassew qrajthom u stu-

djajthom sewwa biex issib it-tixbiħ li beħsiebna nuru f'dan l-istudju. Għandna nifhmu li sakemm daħlu u qabdu l-egħruq sewwa hawn Malta nessew u qerdu għal kollox taqbil ieħor iktar qadim li t-tfal Maltin kienu jgħidu qabel. Għax xort'oħra ma tistax tifhem kif Malta kien hawn żmien meta t-tfal ma kenux jilagħbu u ma kenux ikantaw waqt il-logħob tagħhom. Biex ikun hekk, it-tfal iridu ma jkunux tfal; iridu jkunu jew morda jew xjuħ qabel iż-żmien. Fi żmienna qegħdin naraw logħob u taqbil Ingliż dieħel Malta fost uliedna, u bil-ftit il-ftit inessi u jeqred dak ta' qablu—dak li aħna ġbarna hawnhekk, għalkemm għad fadal ħafna x'jinġabar. Niftehmu. Kif ġbarthom, dawn it-taqbiliet ma jingħarfux fi Sqallija, għax bħall-kliem barrani li jkollu joqgħod għall-widna u l-għamla Maltija meta jidħol Malta, hekk ukoll dawn kellhom joqogħdu għat-tibdil kollu li l-immaġinazzjoni tat-tfal tagħna xtaqet tagħmel sakemm tathom lewn Malti bi kliem li jafu u jifhmu kulħadd.

Hemm taqbiliet oħra li jidhru ċar li mhumiex ta' nisel barrani. Meta naqrawhom sewwa naraw li ma setgħux twieldu post ieħor barra minn Malta. Nagħarfuhom li huma Maltin (1) jew għax il-qofol tat-taqbila jkun xi isem ta' post f'Malta jonkella isem jew kunjom Malti (Ara Nri. XII (13), XIII, XIV, XVI, XXXVIII); (2) meta t-taqbiliet ikunu qosra, b'żewġ versi biss, u s-sens kollu jkun marbut ma' kelma Maltija fl-ewwel vers (Ara Nru. IX (i-xxi); (3) meta t-taqbila tkun mibnija fuq xi inċident li ġara Malta biss (ara Nru. XXVIII fuq l-ilbies fil-knejjes). Imbagħad hemm oħrajn li jidhru li saru biss biex it-tfal jieħdu gost bit-taqbil ta' kelma ma' oħra—qisu biex iħarrġu l-widnejn għall-ħsejjes tal-kliem Maltin. U dawn ukoll nistgħu nqisuhom bħala ta' nisel Malti.

Ngħid xi ħaġa fuq kif inġabar il-materjal ta' dan l-istudju. L-ewwelnett kien hemm xi ftit taqbiliet tat-tfal miġbura minn H. Stumme li deħru fil-ktieb *Maltesische Studien* (Leipzig, 1904), u xi waħdiet 'il hawn u 'l hinn fix-xogħlijiet ta' L. Bonelli (14), A. Preca (15), Patri Magri (16) u A. Cremona (17). Imma dawn kienu ftit wisq. Hassejt li hawn wisq aktar x'jinġabar kieku wieħed jidħol sewwa għal dax-xogħol.

14. Ara *Saggi del Folklore dell'isola di Malta* (Palermo, 1895) u *Il Dialetto Maltese* fis-Supplementi ta' l-*Archivio Glottologico Italiano*—Torino (1891-1907).
15. A. Preca: *Malta Cananea*, 1904.
16 Patri M. Magri: *X'Jgħid il-Malti* (1925).
17. A. Cremona: *Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta*, fl-*Archivum Melitense* (Vol. VI, No. 1).

L-ewwel bdejt biex ftakart u nižžiit dawk il-għanjiet u t-taqbiliet li jiena, flimkien ma' sħabi tfal, kont ingħid waqt il-logħob fiż-żewġt irħula ta' Ħal Tarxien u Ħal Luqa. Imbagħad, fl-1942, bdejt inżid malli kelli billi nniżżel il-kliem tat-taqbii waqt li t-tfal ikunu jgħiduħom fil-logħob. Mal-ħidma tiegħi żdiedet dik ta' ħafna ħbieb tiegħi li kitbuli jew qaluli dak li baqgħu jiftakru minn tfulithom. Fost dawn nixtieq insemmi s-sinjorini aħwa C. u M. Vella f'Malta u M. Micallef u M. Vella f'Għawdex, il-Prof. Mgr. P. P. Saydon, Dr. Ġ. Galea, Patri V. Barbara, Dr. A. Cachia Zammit, is-Sur G. Borg u s-Sur P. Borg. Lil dawn kollha niżżi-ħom ħajr tal-għajnuna li tawni.

L-isem tal-post li jidher taħt kull taqbila juri fejn smajtha, jonkella fejn jogħod jew kien jismagħhom igħiduha min kitibhieli. Jekk tiġbor-hom flimkien dawn il-postijiet jagħmlu biċċa sewwa minn Malta u Għaw-dex; i.e. il-Belt, B'kara, Ħal Tarxien, Ħal Luqa, iż-Żejtun, iż-Żur-rieq, il-Birgu, Ħal Qormi, Bormla, Ħal Lija u Tas-Sliema f'Malta, u r-Rabat u l-Munxar f'Għawdex. L-ikbar għadd, imma, ġie minn Ħal Tar-xien, Ħal Luqa, B'kara u l-Belt.

Il-għana u t-taqbil ta' dil-ġabra huma meħudin minn tfal ta' kull klassi soċjali: għonja u foqra, tal-bliet u tar-rħula. Nistgħu ngħidu li huma l-wirt tal-poplu ż-żgħir, għaliex ukoll meta smajthom minn tfal puliti, sibt li kienu tgħallmuhom jew m'għand tfal oħra jew m'għand sefturi, eċċ. Ħallejt barra dawk li jidhirli li huma xogħol ta' nies ta' l-iskola, eż. it-taqbila li tibda "Jisbaħ Toninu jibki kuljum", li kienet darba fi ktieb ta' l-iskola. Ħallejt barra wkoll xi oħrajn li ma jgħoddux għall-istampa. Qagħadt attent kemm stajt biex ma ndaħħalx taqbil li ma jkunx magħ-ruf mal-gżira f'iktar minn post wieħed.

Fil-klassifikazzjoni mxejt fuq il-motivi li l-aktar jidhru li influwen-zaw fit-tiswir tal-għanjiet. Ngħidu aħna, dawk kollha li jitkellmu fuq it-taqlib ta' l-ajru, fuq ix-xita u x-xemx, jew ix-xita u r-ragħad, ġibthom wara xulxin; ressaqt ukoll fejn xulxin dawk li fihom jidħol xi djalogu; dawk fuq numri u kunjomijiet, dawk li jgħiduhom biex "min jiġi jibda", oħrajn li jidhru bla sens, eċċ.

Fejn jeħtieġ nagħti tifsir fuq xi kliem jew twemmin nofsu minsi, jonkella, fejn sibt xi ħaġa tixxiebaħ f'pajjiż ieħor, inġib il-varjanti kif ġabarhom ħaddieħor barra minn Malta. Fl-aħħarnett, għalkemm dan il-għana u taqbil jagħmel sehem mill-wirt ta' logħob it-tfal Maltin, de-herli li jkun aħjar li nistudjawhom u nġibuhom għalihom u nħallu l-logħ-

biet, bid-deskrizzjoni tal-ghodod tal-logħob, għal studju ieħor fuq hekk biss. It-tama tiegħi hija li xi ħadd mill-qarrejja jitħajjar jiġbor huwa wkoll taqbil bħal dan mill-ibliet u rħula tagħna, u hekk iżid ma' dak li ġbart jien qabel ma jilħaq jintesa u jmut għal kollox fost it-taħwid u l-għaġla tal-ħajja tal-lum. Haġa oħra li hi tassew meħtieġa hija li l-mużika ta' dawn it-taqbiliet tinkiteb biex hekk jista jinbeda wkoll l-istudju u l-ġbir tal-mużika popolari Maltija.

U b'din is-sejħa ngħaddu issa għall-ġabra nfisha, li turina aħjar id-dinja ta' tamiet u ħajjiet qodma li hija d-dinja tat-tfal Maltin, id-dinja li darba waħda kienet tagħna wkoll bħalma l-lum hi ta' wliedna u bħal ma għad tkun ta' wlied uliedna sakemm it-tfal jibqgħu tfal.

---

I

Meta t-tarbija tibki, ixengluha fuq l-idejn u jgħidulha biex tiskot:

Indi, indò!
Digli digli ndò!
Libsa bajda bil-pantòr.
Naħsilhielek, ngħaddihielek,
Nibagħthielek ma' Vitor.
(B'kara).

Din li ġejja hija varjanti:

Ton ċiklinton!
Libsa bajda bil-pantòr,
Naħsilhielek, ngħaddihielek,
Għall-festa ta' San Girgor.
(Żejtun).

**TIXBIH**

Qb. għall-ewwel żewġ versi u għar-ritmu din li ġejja, li jien smajt Malta imma tidher *rhyme* Ingliża:

Samsindon Samsindon!
Samsin digla digla ndò.
Mary Mary had to walk
To the barber's shop.
Yes I know, yes I know,
Yes I know know know know know!
(Valletta).

II

Bonelli fid-*Dialetto Maltese* (Arch. Glott. It. Suppl. 1907, p. 31) isemmi li meta jqiegħdu lit-tfal Maltin fuq irkobbtejhom u jqammsuhom, il-misserijiet u l-ommijiet igħidulhom:

Ħarra, ħarra,
San Girgor!
Bit-tuttuwa ta' Sidor,
Ħarra ħej! Ħarra ħej!

**TIXBIH**

L-istess drawwa li jqammsu t-trabi biex bħal kieku qegħdin fuq iż-żiemel tinsab fi Sqallija, fl-Italja kollha u f'ħafna pajjiżi oħra wkoll. It-taqbila li jgħidu Sqallija tibda bil-kelmiet *Mmè, mmè, mmè* u fis-sens ma taqbelx ma' tagħna, imma l-varjanti Taljani li jagħti Pitrè fil-*Giuochi Fanciulleschi Siciliani* (Torino-Palermo, 1883, pp. 51-55) għandhom mit-taqbila Maltija mhux biss it-tixbih f'xi kelma imma fil-ħsieb. Hekk f'Biceglie:

A cavall a cavall
E lu Re de Portugall
Che ti port la trumett
Bu bu cavallett...

F'Napli jgħidu hekk:

Arri arri, cavalluccio,
Ce ne iammo a Marcugliano
Ci' accattammo nu bello ciucco,
Arri arri, cavalluccio.
Arri arri,
Zì mònaco va a cavallo,
E lu ciuccio nun puteva,
E zì mònaco s'accedeva.

Waqt li fi Pratovecchio, fil-Casentino, it-taqbila tibda hekk:

Arri arri, cavallino,
Piglia la soma e va al mulino,
Il mulino è rovinato,
Il mugnaio s'è impiccato......

Arnold Van Gennep, fl-ewwel volum tal-*Manuel de Folklore Français Contemporain* (1943, p. 161) iġib din it-taqbila Katalana li tixxiebah:

Arri, arri borriquet
Que demà irem à Céret
De Céret à la montanya
Bisca, bisca l'aranya
De la montanya al montanyo
Bisca, bisca l'aranyo.

III

**BANNI BANNOZZI**

Meta lit-tarbija jeħdulha jdejha u jħabbtuhomlha ma' xulxin qisha qiegħda ċċapċap igħidulha "Agħmel bannozzi" u jżidu dit-taqbila:

Banni bannozzi,
Ġej it-tâta ġej,
Bil-pastizzi u bil-ħabbtej',
Kollox għal ...... (isem it-tarbija)
U għal... (isem ieħor) xej'.
(Tarxien).

Mill-Belt smajtha xort'oħra:

Banni bannozzi
Ġejja ġejja Nozzi,
Nozzi ta' ħdejna
Pappa bil-ġbejna.
(Mandraġġ).

Fil-kopja tal-ktieb tal-Pitrè li semmejna, li tinsab fil-Mużew, fejn il-kliem Sqalli tal-*Manu Manuzzi* hemm bil-lapes miktubin dawn il-versi, kitba ta' Prof. Temi Zammit, li huma varjanti bil-Malti tatnejn li ġibna fuq:

Bani bannuzzi
Ġej il-papà,
Iġib il-biskuttini
Jagħmilhomlu fil-fardal.

**TIXBIH**

Qb. ma' dawn il-kelmiet Sqallin tal-*Manu Manuzzi* li jagħti Pitrè (p. 48), i.e.:

Manu manuzzi
Pani e ficuzzi
Veni lu tata
Porta la 'mprua
'Nta la cannata,
E *Totò* (jew isem ieħor) si mbriaca
Olè!

Varjanti oħra Sqallija tkompli hekk wara t-tieni vers:

.................
Veni lu tata
Porta 'i cusuzzi
Nuàtri nn' 'i manciamu,
E a *Totò* 'un cci nni damu.

Qb. ukoll għall-ħsebijiet dawn it-taqbiliet Ingliżi (Leon Kellner: *Nursery Rhymes*, Leipzig, 1917, pp. 39, 45).

i. Baby shall have an apple,
Baby shall have a plum.
Baby shall have a rattle.
When daddy comes home.

ii. Clap hands! Clap hands!
Till daddy comes home;
Daddy's got money,
And mammy's got none.

iii. Clap hands! daddy comes.
With his pockets full of plums.
And a cake for Johnny!

IV

**PAĊI KULAĊI**

Għal kull ħaġa ta' xejn it-tfal jitlewmu u jerġgħu jagħmlu ħbieb bejniethom. Meta jkunu miġġeldin ikunu *biċ-ċiera*. Iż-żgħar biex jintrabtu u jżommu l-kelma flok jaħilfu jagħmlu *beżqa u xagħra*, i.e., wieħed minnhom jaqta' xagħra u fuqha jixħet ftit riq minn ħalqu u dan jiswa biex dak li jkun ma jerġax lura minn

kelmtu għax inkella jrid jerġa' jwaħħal ix-xagħra fejn kienet u jilgħaq ir-riq, kif igħidu t-tfal. Biex jerġgħu jsiru ħbieb, i.e., *jagħmlu paċi*, idawwru s-seba' ż-żgħir ta' l-id il-leminija ma' ta' xulxin u jgħidu:

Paċi kulaċi
Il-Madonna fuq rasi
Kristu jaħbini
U l-Madonna ssibni.
(Tarxien).

Ma' dawn hemm min iżid żewġ versi oħra; i.e.:

Kristu fuq l-altar
Qed ibierek it-tfal żgħar.
(Birgu).

Il-Belt (Valletta) smajtha hekk:

Paċi kulaċi
Il-Madonna fuq rasi.
Gesù fuq l-oħrajn
Qed ibierek dawk it-tfal.

Stumme (*Maltesische Studien*, Leipzig, 1904, p. 65) jagħti dil-varjanti:

Paċi ma' paċi
Madonna fuq rasi;
Madonna taħbini
U Kristu jgħattini.

## V
## SINNA BASINNA

Kulħadd jiftakar kemm kienu jibżgħu għalina niesna fi tfulitna biex sniennа ma jaqgħux. Kienu jgħidulna biex ma neklux ħelu għax inkella snienna jaqgħu, jew kif konna ngħidu, *jikilhomlna l-ġurdien*. U jekk imbagħad taqgħalna, jew aħjar, naqilgħu xi sinna, konna noqogħdu b'seba 'għajnejn fejn inħallu s-sinna maqlugħa għax dik meta tmut trid issibha. U kienu jgħidulna biex niżirgħuha f'qasrija balli tinbet u terġa' titlalna oħra. Ara dan kollu kif inhu miġbur f'dawn l-erba' versi:

Sinna basinna
Bajda ħalib;
Oqgħod fejn sa nqiegħdek
Meta mmut niġi għalik!
(Żurrieq).

## TIXBIH

Ma rnexxilix insib taqbil ta' xi pajjiż ieħor li jaqbel ma' tagħna. Biss fi studju sabiħ ta' J.D. Rolleston, M.D., F.R.C.P., F.S.A, jismu *The Folk-Lore of Toothache*, li deher fil-*British Dental Journal*, Vol. LXXVIII, No. 8 (1945, p. 225) qrajt li fid-distrett ta' Brandenburg wara li jaqilgħu sinna jagħmluha taħt ġebla waqt li jgħidu kelmiet li jfissru hekk bil-Malti: "Gurdien, ja ġurdien, Agħtini s-sinna tal-ħadid, U jien intik tiegħi tal-għadam".

Fi Franza ssib ukoll ħafna twemmin u drawwiet li għandhom x'jaqsmu massnien. Van Gennep igħidilna (op. cit. p. 152) li l-aqwa drawwa hi li l-ewwel sinna li taqla' m'għandekx tarmiha għax inkella s-sinna l-ġdida titla' ħażina jew imgħawġa. Għalhekk jieħdu ħsieb jerfgħuha f'kaxxa li tista' tinħeba, jew, aħjar, jaħarquha. Fl-Alvernja jqegħduha fil-fonti ta' l-ilma mbierek fil-knisja biex ikunu jistgħu jsibu s-snien kollha fil-Qawma ta' l-imwiet. Fil-Gaskonja l-ewwel sinniet jiswew biex ikeċċu l-ġrieden bihom, waqt li jgħidu xi taqbil.

Fil-Marokk meta t-tfal jaqilgħu l-ewwel sinna jkebbuha f'biċċa għażel flimkien ma' ftit melħ, u ta' min tkun is-sinna jixħetha ġo bir u jgħid: "Ja *genie* (qisu ħares, spirtu) ta' dan il-bir, Nagħtik snienti ta' ħmar, Tini lura sinna ta' għażżiela". U jekk issaqsi lil xi tifel x'għamel bl-ewwel sinna li jkun tella', iwieġbek "Dah el firan", i.e. ħaduha l-firien. (Vide Doctoressa Legey: *Essai de Folklore Marocain*, Paris, 1926, p. 112).

## VI
## ĊAQLEMBUTA

Ċaqlembuta hija dik it-tavla twila li t-tfal iqiegħdu mwieżna fin-nofs fuq xi ħaġa għolja u mbagħad jitilgħu fuq it-truf tagħha u jieħdu gost joqogħdu telgħin u neżlin, waqt li jgħidu:

Ċaqlembuta
Pietru ħuta.

### TIXBIH

Dil-logħba hija mxerrda tista' tgħid kullimkien. Pitrè (op. cit. p. 362) jagħti fuq l-erbgħin isem ta' din il-logħba li jingħadu fl-Italja. Fi Sqallija tissejjaħ *A Vocanzita*, li tfisser ukoll il-bandla li aħna. bħal fi Sqallija, nagħmlu nhar Lapsi. Nisel din il-logħba aktarx kien fil-Greċja. fejn ta' kull sena kienu jagħmlu festa f'Atene, *dies festus oscillationis*, b'ġieħ lil Erigone. Il-bandla l-Griegi kienu jagħmluha bħalna, i.e. wieħed kien jitla' jitbandal u ieħor kien joqgħod fl-art lest biex jinbotta u jżid ibandal lil sieħbu. L-istess logħba fl-Ingilterra tissejjaħ *seesaw*.

## VII

### ĊAMA ĊAMA

Logħba tas-sajf. Jiltaqgħu ħafna tfal u wieħed minnhom, li f'logħbiet oħra jissejjaħ *l-imgħallem*, igħid, ngħidu aħna. *Ċama ċama għal rasi*. L-oħrajn iwieġbu *Ċama ċama* u jaqbżu warajh għal rashom Jerġgħu jitilgħu l-art u jerġa' jgħidilhom, did-darba *Ċama ċama għal sieqi*, u kulħadd jaqbeż għal siequ warajh. U jibqgħu sejrin hekk ħafna, sa kemm jixbgħu u jispiċċawha. Flok hekk jista' l-imgħallem isejjaħ isem wieħed minn sħabu biss u dan ikollu jaqbeż warajh. Biss qabel jaqbeż jista' *jċama* lil xi ħadd ieħor hu, u hekk sakemm kulħadd ikollu jaqbeż il-baħar. Ġie li wkoll tisma' t-taqbila li ġejja:

Ċama, ċama
Pietru l-agħma.

## VIII

### SULLUZZU BUZZU

Kulħadd jaf x'inhu s-sulluzzu u kif biex jieqaf kienu jgħidulna biex nixorbu ftit ilma ħalli *jaqta'*. Jonkella jtuk qatgħa u jaħsduk biex jiqaflek. Imma lit-tfal meta jtihom trid tagħmel xi ħaġa iktar minn hekk! Trid tgħid kelmiet qegħdin għalhekk, qisek *tirqi* għas-suffejra. U l-kliem huma dawn:

Sulluzzu buzzu!
Mur għand min joboghdni,
'K m'għandix min joboghdni
Erġ'ejja għandi.
(Luqa u B'kara).

Hal Luqa smajt ukoll din l-oħra:
Sulluzzu, mur minn fejn ġejt.
Mur fuq min iħobbok:
Min ma jħobbokx
Ejja ħa nħobbok jien.

### TIXBIH

Qb. dal-*Kliem ir-Riqi* (scongiuro) Sqalli illi Pitrè jġib fil-ktieb *Medicina Popolare Siciliana* (1896, p. 124):
Suggiuzzu suggiuzzieddu.
Ramuzza ri funtana.
Vattini ni tò mamma.
Và viri s'idda t'ama.
Si t'ama, stutti ddà.
S'un t'ama, veni ccà.
(Modica).

## IX

### TWEĠIB U GHIDUT IMQABBEL

Dawn li ġejjin tismagħhom ta' sikwit:

i) "K't?"
"— Bl-għaġeb u t-teftif".
ii) "Li kieku"
— "Waqa' u kiser siequ".
iii) "Sitta u sitta tnax'"
— "U min hu agħma ma jarax".
iv) "Il min nolqot ma ndewwix"
— "Għax missieri mhux tabib".
v) "Tiri tiri tauna"
— "U s'hawn wasalna".
vi) "Kilna u xbajna
— "U fastidju 'l ħadd ma tajna".
vii) "Appa"
— "Il-ħabel skappa".
viii) "Axxa"
— "Toni fil-kaxxa".
ix) "Nofs in-nhar"
— "It-tiġieġa fuq in-nar".
x) "Prietka minn tal-lejla"
— "La ġuġu u lanqas nejna".
xi) "Ara wara *boy*"!
— "Minn tas-Sliema għas-Savoy"
xii) "Imbagħad?"
— "Ix-xita u r-ragħad".
xiii) "Aħjar għalik!"

— "U l-qara' żommu għalik".
xiv) "Fejn kont?"
— "Fuq il-Pont".
xv) "Allura!"
— "Agħmel pass u erġa' lura".
xvi) "X'jiġifieri?"
— "Bil-lasti u bil-bandieri".
xvii) "Għandek ġuħ?"
— "Mur tax-xjuħ."
xviii) "Għandek għatx?"
— "Mur il-Mandraġġ."
(Tarxien).
xix) "Majna, majna, fejn twelidt?"
— "Qalb il-furrajna".
xx) "Karamelli tal-ħarrub
Min jekolhom jagħmel duub".
xxi) "L-ixkubetta fiha l-grillu",
— "U kulħadd jagħmel li jaqbillu".
(Rabat).

**TIXBIH**

Billi ħafna minn dawn il-qawwa tagħhom qiegħda fir-rima ma' kelma Maltija fl-ewwel vers u mhux fl-ideat, ma ssibx influwenzi barranin hawn. In-numru (xi) nafu meta saret; meta l-karrozzi tal-B.M.C. ġew Malta u bdew jaħdmu fuq il-linja ta' Tas-Sliema għas-Savoy. Għal tixbih fil-bogħod ħafna man-numru (ix) qb. din ta' Sqallija, meħuda mill-ktieb *L'Isola del Sole* (Milano, p. 378) maħruġ minn Luigi Sorrento:

Menzijornu
Tavola e tornu.
Veni 'na vecchia
C' un pezzu di cornu;
E lu cornu si rumpìu,
E la vecchia si nni fuìju.
(Palermo).

Għall-ħsieb ta' xi ħaġa qed issir qb. ukoll din li Pitrè jagħti fil-*Canti Popolari Siciliani* (Vol. 2, Ediz. Naz., Roma, 1941, p. 23):
Menzannotti.
Li pisci sù cotti,
La tàula misa,
Lu surci 'n cammisa.
(Palermo).

X

**A, BE, ĊE**

Din it-taqbila importanti il-għaliex (1) turi l-influwenza ta' l-iskola; (2) tfakkarna fiż-żmien meta l-kafè kien jittieħed fl-iskutella, fil-kikkri u fil-plattini ,i.e. mhix qadima wisq, u (3) naraw minnha li kienet ħaġa mhux tas-soltu li wieħed kien jiekol b.l-furketta. Konna ngħiduha fi tfuliti lejlet xi ġurnata vakanza. Il-versi huma dawn:
A, Be, Ċe.
L-iskutella bil-kafe';
Il-kikkra u l-plattina,
U s-surmast ma jridx jagħtina;
Għada m'għandniex skola,
Is-surmastru bil-barjola.
Is-sinjora purċinella
Kemm taf tiekol bil-furketta
jew
Kemm taf taħdem il-kalzetta.
(Il-Belt u Tarxien).

**TIXBIH**

Għall-ewwel żewġ versi qb. din, mogħtija minn L. Sorrento (op. cit. p. 365) taħt ir-ras *Gabbi o Motti Dialogati*.
A b(bbe) c(ccè)
Cicculata c' 'u cafè.

XI

**I AM, THOU ART**

Mill-konjugazzjoni tal-verbi Ingliżi tnisslet din it-taqbila li konna ngħidu fi tfulitna:
*I am, thou art* figolla
*He is* kilħieli kollha;
*I am*, dawwart is-sej.
Tala' l-ottu ma ħadt xejn.
(Tarxien u Rabat).

**TIXBIH**

It-tfal Ingliżi wkoll, milli jidher, weħlu fil-konjugazzjoni tal-verbi barranin għalihom. Fil-każ tagħhom weħel il-Franċiż. Ara din it-taqbila, miġjuba fil-ktieb *I Saw Esau* ta' Jona u Peter Opie (London, 1947, p. 67):
*Je suis*—I am a pot of jam;
*Tu es*—thou art a fool;
*Il est*—he is the biggest ass
That ever went to school.

## XII
## FUQ IN-NUMRI

B'dawn il-formuli t-tfal donnhom jitgħallmu iktar malajr in-numri billi jassoċjawhom ma' ideat u tixbihat li jolqtu l-immaġinazzjoni tagħhom.

Bħal ta' qabel, dawn juru l-effett tat-tagħlim, u mhux fir-rima daqskemm fil-kelmiet bl-Ingliż u bit-Taljan li t-tfal jitgħallmu, barra l-Malti. Xi drabi r-rima nġenjuża ħafna.

i) Tnejn,
In-nannu bla widnejn;
Tlieta,
Ommok ftieta;
Erba',
Ommok kelba.
(Tarxien u Bormla).

ii) *Uno, due, tre,*
Iż-żokra ta' Musè;
*One, two, three, four,*
Iż-żokra ta' Vitor.
(Tarxien).

iii) *One* — ta' Ġwann;
*Two* — tal-Gvernatur;
*Three* — ta' Marì;
*Four* — ta' Vitor;
*Five* — tax-Xiklifajf;
*Six* — tas-Sur Ċikk;
*Seven* — ta' Buleben;
*Eight* — tas-sur Ġejt;
*Nine* — ta' Wied il-Għajn;
*Ten* — ta' l-Infern
Nagħtik daqqa u nixħtek 'l hemm.
(Bormla).

iv) Wiehed:
In-nannu mieqed.
Tnej':
In-nannu ġej.
Tlieta:
Ommok fuq ftieta.
(Rabat).

Is-sur Luret Cutajar ġabarli din li ġejja minn Ħaż-Żebbuġ:

v) Żewġ imwejsiet,
Fuq il-ponta ta' serien,
Tlieta tliet Anġli,
Erba' Vanġeliet,
Ħamsa ħames pjagi,
Sitta quddisiet,
Sebgħa sagramenti,
Tmienja erwieħ,
Disgħa disgħa kori,
Għaxar kmandamenti,
Ħdaxl appostlu,
Tnaxl artiklu,
Tlittax-il ġenediktu (benediktu?).
Erbatax- il kelma
Li ħarġu minn fomm Alla nnifsu.

### TIXBIH

Qb. dawn ir-*rhymes* Ingliżi (Kellner: op. cit. pp. 151-152):

i) One two, buckle my shoe;
Three four, shut the door;
Five six, pick up sticks;
Seven eight, lay them straight;
..........................

ii) One, two, three, four, five,
I caught a hare alive;
Six, seven, eight, nine, ten,
I let her go again.

Ta' l-istess xorta hija t-taqbila Franċiża li jagħti Van Gennep (p. 163): "Un, est Dieu le Père... Quatre, sont les quatre Evangélistes... Dix, sont les dix commandements de Dieu". Jonkella din, li jgħidu lit-tfal biex jieklu s-soppa: "Une, j'ai vu la lune; Deux, j'ai vu le convreux;... Traize, j'ai acheté une chévre: Quatorze, je lui ai coupé la gorgè".

## XIII
## ARA FEJNU DARMANIN

Din mhix taqbila li smajnieha aħna. Imma mitejn sena ilu, kif igħidilna Ignazio Saverio Mifsud fid-djarju tiegħu ms., it-tfal kienu jkantawha mat-triqat. Dan kitbu fit-13 ta' Frar, 1755 u żied igħid li ħadd ma kien jaf għaliex qabblu dal-versi fuq Darmanin (R.M.L. Ms. XI. p. 508).

Ara fejnu Darmanin,
Bil-pipa u bil-bokkin;
F'idejh il-bukkett tal-ġiżimin
U l-birritta tal-qassisin.

## XIV
## ĊIESRU ĊIESRU

Bħal ta' qabilha din kienu qabbluha t-tfal Maltin u xegħlet għal ftit żmien mal-Gżira, imma l-lum intesiet bħalma

ntesew il-ħafna espressjonijiet bħal *Skejzja Romeo*! *Għamilha Bond*! u taqbil iehor fuq il-logħob tal-ballun jew il-pulitka li jsir fi żmienna u jmut wara ftit. L-istess kittieb Mifsud igħidilna li dit-taqbila nstemgħet fix-xahar ta' Diċembru, 1761, i.e.

Ċiesru, Ġiesru,
Alla bon ura
Ħasek maqsuma
Sieqek miksura,
Tagħtik puntura
Ċiesru alla bon ura.

Mifsud igħarrafna li t-taqbila tnisslet hekk. Fil-bieb ta' l-Isptar ta' l-Ordni, il-Furmarija, kien hemm għassa wieħed xih jismu Ċiesri li fil-ħin ta' l-ikel, fis-siegħa tal-*manġa*, kien ikeċċi 'l kulħadd 'il barra biex ma jintmessux il-fided ta' l-Isptar. Meta mbagħad, wara l-ikel, kien jingħata l-ordni biex jitħallew in-nies jidħlu, dan Ċiesri kien iwieġeb "Alla bon'ora", u kien jiftaħ il-bieb. Issa dan Ċiesri bejn għax xiħ u bejn għax minnu kien bniedem inkwiet, ma kienx iħalli t-tfal morda joħorġu barra l-bieb u għalhekk dawn ma kenux jaħmluh. U wieħed minnhom kellu x'igħid ma' Ċiesri, qabbillu dal-versi u qalhomlu 'l wiċċu biex iwaqqgħu għaċċajt talli jgħid għal kull ħaġa ta' xejn *alla bon ora*. Ċiesri ħa għalih ħafna, imma għalxejn, u iktar ma ġera u fittex irraġun ma' ta' fuqu, iktar il-għanja bdiet tinstema' mat-triqat hekk li ma setax joħroġ barra l-Isptar. U għamel tant f'qalbu li marad sewwa u kien sa jmut. (R.M.L. Ms. 13, p. 691).

## XV
### CALLEJA

Bħat-tfal Maltin ta' mitejn sena ilu, it-tfal tal-lum ukoll iqabblu issa fuq xi kunjom u issa fuq xi laqam. Waħda milliżjed magħrufa hija din li ġejja:

Calleja ħobża nejja
Ġib is-siġġu u oqgħod ħdejja
Ġib il-pinna u l-klamar
Ħa npinġilek ras ta' ħmar.

## XVI
### ID-DUDE'

Flok kunjom, din li ġejja tfakkar laqam. Tismagħha ħafna f'bosta rħula u filbliet:

Dudè, Dudè, Dudè,
Id-Dudè rama ħanut;
Siġġu barra, idejh fil-but,
Ibigħ xi kobba u xi rukkell
Qalgħuhielu ż-Żambarell.
(Tarxien)

## XVII
### ANĠLU BELLU

Dit-taqbila konna ngħiduha fi tfuliti Ħal Tarxien:

Anġlu bellu,
Saqajh tal-fildiferru,
Saqqu tar-rix
Meta jaqa' ma jbatix.

## XVIII
### AGHMEL, XITA, AGHMEL

Hawn Malta x-xita nifirħu biha għax mingħajrha sena ħażina jkollna fil-biedja. Jifirħu biha mhux biss l-ibdiewa, imma saħansitra t-tfal, li jagħmlu għors iċafalsu fl-ilma, itellqu z-zkuk tal-sulfarini taħt il-bankini, id-dgħajjes tal-karta, eċċ. Biex tara kemm jifirħu biha aqra dit-taqbila tat-tfal:

Agħmel, xita, agħmel,
Halli jinbet il-ħaxix,
Il-ħaxix intuh 'il mogħża
U l-mogħża ttina l-ħalib;
Għandi nagħġa mmur nirgħajha
Bis-suf tagħha nagħmel qmis.
(Luqa).

### TIXBIH

Bil-maqlub ta' Malta, it-taqbila tat-tfal Ingliżi turi kemm jagħmel ilma fl-Ingilterra—hekk li flok jilqgħu x-xita bil-ferħ jixtiequ jbiegħduha u tinżel darba oħra. Lewis Spence fil-ktieb *Myth and Ritual in Dance, Game and Rhyme* (London, 1947, p. 187) jagħti t-taqbila Ingliża hekk:

Rain, rain, go away
Come again another day.
Qb. ukoll:
i. Rain! rain! go to Spain, and
Mind you don't come back again!
ii. Rain, rain, go away,
Come again another day;
Little Johnny wants to play.
(Kellner: op. cit. p. 163-4).

Fi Sqallija fejn in-nuqqas ta' l-ilma jġib is-swied il-qalb f'xi nħawi tal-gżira, niltaqgħu ma' taqbila mnissla wkoll mill-ħsieb li x-xita ġġib magħha l-fertilità. Sorrento (op. cit. p. 378) jagħtiha hekk:

Chiovi, chiovi, chiovi,
E la gatta fa l'ovi,
E lu surci si marita
Cu la còppula di sita, eċċ.
(Termini).

Fil-varjanti tad-drawwa *A Circari Chiova*, Pitrè (*Giuochi Fanciulleschi*, p. 378) iġib din tal-Lombardija, fejn it-tfal jitolbu għas-silġ, li hi meħuda mill-*Vocabolario Milanese-Italiano* ta' F. Cherubini (Vol. II, 1840, p. 187):—

Pioeuv pioeuv
La gaijnna la fa l'oeuv
Fiocca fiocca
La gaijnna la fa l'occa"

## XIX
## IX-XITA U X-XEMX

Wieħed mill-fenomeni tal-ħolqien li l-iktar jolqot it-tfal huwa meta tagħmel ix-xita u tibqa' tiddi x-xemx. Meta tagħmel "ix-xita u x-xemx" it-tfal igħidu "Twieled Tork". Iqabblu wkoll hekk:

Ix-xita u x-xemx
In-nanna u San Lawrenz,
In-nannu jilgħab il-boċċi
U n-nanna tilgħab il-lewż.
(Tarxien).

Bonelli fil-ktieb: *Saggi del Folklore dell'Isola di Malta*, (1895, p. 9) jagħtiha hekk:—

Ix-xita u x-xemx
In-nanna taħt Lawrenz,
Koċċi, koċċi, koċċi,
In-nanna tilgħab il-boċċi,
Il-boċċi tal-kulur,
Qiegħda tilgħab fuq is-sur.

Wieħed mill-Munxar, Għawdex, qalhieli hekk:

Ix-xita u x-xituta,
In-nanna taħt it-tuta.
Ix-xita u x-xemx
U l-għasfur ineqqi l-qemħ .

Minn Birkirkara smajt din:

Ix-xita u x-xituta,
In-nanna taħt it-tuta;
Tlabtha biċċa ħuta
Tatni daqqa ta' lembuba;
Ix-xita u x-xemx
In-nanna taħt it-temp.

A. Cremona fl-istudju tiegħu *Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta* (1922, p. 13) jagħti din:

Ix-xita u x-xemx
In-nanna taħt Lawrenz;
Tlabtha biċċa ħuta
Tatni daqqa ta' lembuba.

Dawn il-varjanti kollha juru kemm hi magħrufa f'dawn il-gżejjer dit-taqbila.

### TIXBIH

Cremona (ibid.) iġib dawn il-versi Sqallin li jagħtu lemħa lil dawk li ġibna taħt XVIII:

Chiovi, chiovi, chiovi,
La pasta cui fasoli
S'idda si vagna
Si nni va 'n campagna
Me nanna si marita
Cu la copula di sita.
(Palermo).

Issa sew il-versi Maltin kif ukoll l-Isqallin, kif igħid Cremona, għandhom mill-qawl Ingliż:

"If it rains whilst the sun is shining, the devil is beating his grandmother; he is laughing and she is crying".

U l-istess kittieb jurina kemm huwa mxerred dan it-twemmin li meta tagħmel ix-xita u x-xemx ix-xjuħ jitbellhu billi jagħti dan il-qawl Taljan:

Quando piove e luce il sole
Tutte le vecchie vanno in amore.

It-tfal tagħna meta jaqbdu jgħidu dal-versi bil-kantaliena ftit u xejn ikunu jafu x'inhuma jgħidu. Imma l-ħsieb dak

huwa. Jidhrilna li meta ssib xebh bħal dan fl-idejat tal-qwiel ta' tliet pajjiżi mbiegħda bħal ma huma Malta, l-Italja u l-Ingilterra — ħsebijiet mibnijin fuq l-osservazzjoni li tista' ssir kullimkien xorta waħda—għandna nqisu t-taqbila bħala ħolqien lokali u mhux bilfors bħala taħlita tat-taqbila Sqallija.

## XX
## IX-XITA U R-RAGHAD

Ir-ragħad għandu wkoll il-post tiegħu fit-twemmin Malti, u kulħadd jaf it-talba ta' waqt ir-ragħad u l-beraq: "Santa Barbara, la deni u lanqas ħsara". Imma barra hekk it-tfal xi drabi jgħidu dawn il-versi meta jisimgħu r-ragħad ikarwat waqt li x-xita tkun nieżla. Il-kliem mhumiex magħrufin ħafna u ma smajthom imkien barra l-Belt.

Ix-xita u r-ragħad,
In-nannu mar jistad;
Qabad ħafna ħut
U deffishom ġewwa l-but.

In-*nannu* jidħol f'din bħal fl-oħra tax-xita u x-xemx; imma ma nsibx fil-versi ħsieb ieħor ħlief dak li jaqblu fl-aħħar. Dwar in-*nannu* nfakkru li meta jriegħed ix-xjuħ igħidu liż-żgħar li n-*nannu qed igerger* jew *igedwed*.

## XXI
## IL-BARD

Fuq il-bard smajt din li ġejja:

Aħ! Aħ! kemm hu bard!
Kollu ħtija ta' Lukard:
Lukard iddoqq il-labar
Minn ġos-sodda għal ġol-qabar.
(B'kara).

Minn raħal ieħor smajtha hekk:

Aħ! Aħ! kemm hu bard!
Għall-inkejja ta' Smerald:
Ajma kemm hu ksieħ,
U n-nannu daħal fis-siegħ.
(Qormi).

## XXII
## DOQQ, BETBUT, DOQQ

Vassalli jfisser *betbut* bħala strument sempliċi li jsir miz-zokk tal-ħafur jew tal-qasab. Bit-Taljan jissejjaħ *zampognetta*. It-tfal tagħna jħobbu ħafna jonfħu u jdoqqu l-betbut, u biex bħalkieku jdoqq iktar, tismagħhom igħidu hekk:

Doqq, doqq, betbut, doqq,
Ħa nixtrilek ħabba tin,
Naqtagħlek rasek barra
Inġibhielek bir-rampil.
(B'kara).

Minn Ħal Qormi smajtha xort'oħra, bi tliet versi biss:

Doqq, doqq, betbut, doqq,
Ħa nixtrilek ċappa tin.
Minn għand Ċensu s-Serkin.

Miż-Żejtun qaluhieli hekk:

Doqq, betbut, doqq,
Ħa nixtrilek ħabb tin.
Minn għand Ċikku
Minn għand Ċikku
Ta' Wistin.

Il-Prof. Temi Zammit, fil-kopja tal-ktieb ta' Pitre li semmejna (ara Nru. III) kiteb bil-lapes din li ġejja:

Doqq, betbut, doqq,
Ħa nixtrilek ħabba tin
Minn għand Wenzu il-Fakkin.

### TIXBIH

Fi Sqallija l-betbut jissejjaħ *Sampugna*, imma Pitrè jgħidilna li *sampugna* tfisser ukoll dik li f'Messina tissejjaħ *żàmmara* (M. żummàra). Bħal Malta, qabel idoqquh il-betbut idawruh bejn idejhom u jgħidu dal-kelmiet biex idoqq:

(a) Sona sona, zammariedda,
Chi ti fazzu 'a cammiciedda
(Milazzo).

(b) Sampugnedda, sona sona,
Cà dumani ti fazzu bona,
Cu 'na scocca di zabbàra
Facci di pala! Facci di pala!
Piu, piu.
(Borgetto).

Jagħti wkoll varjanti oħra minn Palermo, u oħra bid-djalett Naplitan li tgħid hekk (p. 412):

Sona sona zampognella,
Ca t'accatto la gonnella;
La gonnella de scarlato:
Si non suone, te rompo la capo.

XXIII

**TAT-TILA TULA**

Tat-tila tula,
X'kilt il-lejla?
—Hobż u ġbejna.
Minn fuq?
—Terz ilma.
Minn isfel?
—Terz inbid.
Għandek xi kelb jinbaħ?
—Għandi: Wu! Wu!
(B'kara).

Il-Prof. Temi Zammit fil-paġna 241 tal-ktieb ta' Pitrè li semmejna, jikteb din:

Tat-tila tila.
Kemm trid ta' dil-ħanżira?
—Tiġieġa u serduq
—Għaddi kul.

**TIXBIH**

Qb. it-taqbila tal-logħba Sqallija *A Tila Tila Tila* li jagħti Pitrè (ibid.):

Tila tila tila!
—Menza-canna di tila:
—A tri tari e menzu.
—Nun vi la pozzu dari.
Chi vuliti sunatu:
Lu viulinu o la grancascia?

Sa fejn naf jien, hawn Malta t-tfal igħidu l-kliem biss u ma jidherx li waqt li jgħiduhom jilagħbu l-logħba li hemm Sqallija.

XXIV

**BAQRAMBU'**

Din għandha minn ta' qabilha, għal-kemm iktar magħrufa:

Baqrambù!
Bil-kalzetta u biż-żarbun!
X'kilt illum?
——Kejla ful.
Xi xrobt fuqha?
—Bajda friska
Mela idħol ġewwa
U itla' fuq
Ar' tkissirli l-friskatur
Għax mhux tiegħi—tas-sinjur.
(Tarxien u Birgu).

**TIXBIH**

Ma' din u ma' ta' qabilha qb., barra dik li jagħti Pitrè, din ir-*rengaine populaire* li jġib Feghali fil-ktieb *Syntaxe des Parlers Arabes actuels du Liban* (p. 467):

W'ain ként el-bârha
'end 'ehte sâlha
'as tá mtak
Gebnê mâlha.

XXV

**ĊAMBAMBA'**

Nistqarru li la l-logħba u lanqas il-kliem tagħha ma kont naf bihom qabel iltqajt magħhom fil-ktieb *Malta Cananea* ta' A. Preca (1904, p. 287). Preca jagħti tagħrif fuq il-logħba li kienet ġa bdiet tintesa fi żmienu. Igħid li t-tfal kienu jinqasmu fi tnejn, tlieta kull naħa, u kienu joqogħdu kokka b'idejhom moħbija f'ħoġorhom. Bejn l-*imgħallma* ta' kull naħa kien isir dan id-djalogu.

Hanini fejnu?
—Ruma.
X'mar jagħmel?
—Iġib il-palma u l-kuruna.
U lili?
—Il-qdusija.

Hawnhekk kulħadd jibda jgħid: *Ċambambà! Ċambambà!* u ż-żewġ naħiet jiċċaqalqu lein xulxin, qabża qabża fuq il-ponot ta' saqajhom, fost id-daħk u l-frattarija tagħhom sakemm jiltaqgħu wiċċ imbwiċċ.

XXVI

**GHANDEK NAR?**

Wieħed mit-tfal li jkunu jilagħbu jgħaqqad il-ponn ta' kull id u jagħmilhom it-tnejn fuq xulxin. Imbagħad jibdew jiftħulu s-swaba' wieħed wieħed, u ma' kull wieħed li jiftħu jingħad:

Għandek nar?
U l-ieħor: Le.

Mal-għaxar darba jwieġeb 'iva'' u d-djalogu jsir hekk:

Għandek nar?
—Iva.
Għandi ħuta tixwihieli?

—Iva
X'ħin niġi għaliha?
—F'nofs in-nhar.
Bomm! Bomm!
Nofs in-nhar!
Ġejt għall-ħuta!
—Kilithieli l-qattusa
Minn fuq l-għatu.
Kixx! Kixx!
(Il-Belt.)

Mill-Belt ukoll qaluhieli xort'oħra:
L-ewwel biċċa tintlagħab l-istess, imbagħad:
Bomm! Bomm! Bomm!
Ġejt għall-ħuta.
—Qiegħdtha fuq l-ixkaffa
Kilithieli l-qattusa.
—Kixx! Kixx! Kixx!

Jonkella, wara "Ġejt għall-ħuta":
Min kisser il-ħġieġa?
—Natu.
Mela naqbdu nagħtu:
Kixx! Kixx!

### TIXBIH

Qb. il-logħba Sqallija *Tuppi Tuppi* li Pitrè (Giuochi Fanciulleschi, p. 63) jagħti hekk: "Due o più fanciulli poggiano l'uno sull'altro alternamente i loro pugni chiusi, col pollice però disteso, ritto in modo da formare una colonna. Uno di essi va risalendo con le dita (indice e medio) della mano libera dal basso all'alto, e scendendo ripete:
Acchiana, acchiana.
Ch'è longa la scala;
Scinni, scinni,
Cu l'ali e li pinni.

A quando a quando picchia, e ha luogo il seguente dialogo tra lui e quello di cui tocca il pugno:
Tuppi, tuppi!
—Cu' è?
—Sta ccà 'a batissa?
—Chi vuliti?
—L'aviti 'u criscinteddru?
—Apriti 'u cusciuneddru.

Il fanciullo che ha picchiato apre il pugno del compagno, e non trovando nulla dice:
Nun cc'è;
e col dito torna a picchiare e a ripetere la stessa storia. Quando arriva all'ultimo pugno e s'è finito il dialogo, alla domanda:
L'aviti 'u criscinteddru?
l'altro risponde:
La gatta s' 'u manciau,
e tutti rompendo la colonna si bisticciano con le mani fingendo di voler cacciare il gatto:
Chissi! chissi! chissi!

Din kif issir f'Marsala, imma f'Palermo fid-djalogu tidħol il-ħuta bħal f'tagħna. Wara li jkun qallu:
"Sarvatimi stu pani e pisci.
Stati accura si s' 'u mancia 'a 'atta",
x'ħin jerġa' jmur għall-ħuta jgħidulu:
—A 'atta s' 'u manciò.
u bħal qabel jibdew ikeċċu l-qattus:
Chissi! chissi! chissi!

F'Biceglie, skond Pitrè (p. 66), fid-djalogu wkoll tissemma l-ħuta:
..........................
—Ce stè a fà?
—Stè a frice' 'u pesce.
—E la capa a cci la dè?
—O caen.
—E la spina?
—A la gatte.

U jerġgħu jkeċċu l-qattusa.

## XXVII
### DIRI DIRÍ DENBI

Konna ngħiduha ħafna fi tfuliti u għadek tismagħha f'ħafna bnadi. Konna ngħiduha hekk:
Diri diri denbi!
Il-qattus girifli denbi.
Denbi ravjula;
Saħħa, sinjura!
Għada jkollna t-tieġ
Bil-pastizzi u bit-tiġieġ.
Parrokka bajda bajda
Kollha qamel u subien.
(Tarxien u Luqa).

Mill-Belt, wara "Saħħa, Sinjura", smajtha hekk:

Għada mmorru t-tieġ
Bil-laħam u t-tiġieġ.
Frawli biż-zokkor,
Pastizzi bis-summien.

## XXVIII
## IL-FRENZA U L-KULE'

Din qaluhieli mill-Gudja u hi importanti għax turi kif kienu laqgħu l-moda ġdida ta' l-ilbies tan-nisa u tal-*coiffure* li saħansitra t-tfal kienu jwaqqgħuhom għaċċajt meta jarawhom fit-triq:

Lè, lè, lè!
Neħħi l-frenża u l-kulè:
Il-kulè tneħħih bil-fors
Għax ġol-knisja ma tidħolx.

## XXIX
## PEZZULATU MIET

Stumme fil-*Maltesische Studien* (Leipzig 1904, p. 65) iġib din it-taqbila tat-tfal:

Pezzulatu miet
Fuq erba' ravjuliet;
Ommu tibkieh
U missieru jżiegħel bih.
Il-baħar imżejjen b'ħutu
Il-kampanja mżejna bil-ħdura,
Il-mara mżejna bir-raġel
U x-xebba għall-konġuntura.
Qalb ta' qalbi, ġożomina,
Jiena nkun il-ġennien tiegħek,
Halli nbati biex insaqqi
Basta ngawdi l-fjuri tiegħek.

Irridu ngħidu li ħlief l-ewwel erba' versi l-bqija jidhru aktar taqbil tal-kbar (ta' l-imħabba) għal fuq il-kitarra, milli għana tat-tfal. Jista' jkun li Stumme nizżilha kif qaluhielu mingħajr ma għarbilha sewwa.

Minn Birkirkara qaluli din:

Kuzzu miet
Fuq erba' ravjuliet;
Ommu tibkih
Missieru jżiegħel bih;
Tawh bl-istanga
W daqqewlu l-banda.

Patri M. Magri S.J. (*X'Igħid il-Malti*, 1925, p. 157) jagħti din mill-Belt:

Grillu Gandofflu miet
Fuq erba' kavatiet:
Ommu tibki u tixher
Missieru jintef baffih.

Sew il-*kavati* kemm ir-*ravjul* kienu jikluhom ħafna. De Soldanis fid-dizzjunarju Ms. li ħalla l-Bibljoteka (Ms. No. 143, p. 297) ifisser *kavati* hekk: "Sono i cavati un pasto formato dalla pasta dei contadini che cuociono ect, intonacati col miele nero, li mangiano. Sono fatti lunghi quanto un cannolo, poco meno, e quando loro manca il miele suppliscono il cacio grattato. Si chiamano cavati perchè fatta la pastella colle due dita, indice e mezzo, li cavano per renderli men tosti (rossi) e facili alla digestione. Non sono da tutti incavati ma da tutti si chiamano *kavati*." Fuq din ix-xorta ta' kannoli l-istess Agius jagħti dal-qawl:

Għawdxi żokrati
Il-gremxul ħasbu kavati.

## XXX
## DARBA KIEN MA KIEN

Minn Birkirkara smajtha hekk:

Darba kien ma kien,
Xtrajna wiżna kittien;
Għażilnieha rqiqa rqiqa
Bħala gunni ta' l-iġfien:
Ġiet oħtu Klara
Ġibitlu ġobba barjola;
Ġiet oħtu Ventura,
Ġibitlu ġobba ferfura.

Stumme (ibid. p. 67) jagħtiha bid-djalett ta' l-Imdina:

Kien ma kien
Xtrajna wiżna kittien
Għażilnieha rqiqa rqiqa
Bħala gunni ta' l-iġfien:
Harġet in-nanna tôra
Ċappset sieqha bi ħjôra
Telgħet fuq il-bejt
Tgħajjat 'il taż-żejt
Niżlet fil-kantina
Tôt xebgħa 'l-ħanżira
Marret il-Belt
Xtrôt kelb
Tôtu biċċa ħobż biż-żejt

Qolot: "Biex ġibtha kemm batejt".
Marret il-ġardin
Tgħajjat 'il Katarin
Tiftaħ il-barmil tat-tin
Mal-Peppu u l-Gammarin.

## TIXBIH

Xi xebh fil-bogħod ħafna nsibu fil-Canto 769 ta' Pitrè (*Canti Popolari Siciliani*, V. 2, p.17):

Sacciu 'na canzuna
Di peri e di capuna
Capuna a quattro peri
Chiamatimi a Micheli;
— Micheli è picciriddu
— Chiamatimi a Turiddu.
— Turiddu è malatu.
— Chiamatimi ôsordatu.
Affaccia la zita,
Vistuta di sita;
Affaccia la cugnata,
Vistuta di 'nzalata;
Affaccia 'u munacuni,
C' un piattu 'i maccarruni;
Affaccia 'a munachedda,
C' un piattu 'i 'nzalatedda.
(Cefalù).

## FERDINANDU

### XXXI

Din it-taqbila hija waħda mill-iktar magħrufa. Hemm iktar minn versjoni waħda tagħha, kif jidher minn dawn li sa nġibu hawn:

(1) Darba kien hawn tifel
Kien jismu Ferdinandu
Il-qassis ma riedx igħammdu
Għammdu t-tabib
B'inkejja tal-qassis;
Tela' fuq il-bejt,
Beda jgħajjat 'il taż-żejt:
Niżel fil-kantina
Beda jgħajjat daqs xadina.
(Luqa u Tarxien)

(2) *Wavy, wavy, wavy,*
In-nanna għandha *baby*!
Semmietu Fidi Ferma
Il-kappillan ma riedx igħammdu
Igħammdu bil-fors
Għax fil-knisja ma jidħolx;
Tellgħetu fil-gallarija,
Beda jgħajjat daqs tarbija,
Tellgħetu fuq il-bejt
Beda jgħajjat 'il taż-żejt;
Waqa' minn hemm fuq:
— "Ajma, sa mmut,
Gibuli t-tebut,
Gurdien (jew qażquż) moqli
Flixkun inbid
Niekol u nixrob
Kemm irrid."
(B'kara.)

Stumme (ibid., p. 65) jagħtiha hekk:

(3) Żenżen it-tiben!
Mara xiħa kellha tifel:
Semmietu Virdinandu
Wil-kappillan ma riedx igħammdu.
Temgħetu l-ħobż tas-smid
Biex jitgħallem ta' tabib;
Temgħetu l-ħobż tal-granza
Biex jitgħallem il-kirjanza.

Varjanti kurjuża ħafna smajtha r-Raħal Gdid, fejn Charlie Chaplin jieħu post Ferdinandu u naraw bħal f'mera kif jinbidlu l-persunaġġi f'dawn it-taqbiliet:

(4) *One day*
Charlie Chaplin kien għaddej;
Kien għaddej minn Strada Rjali
Beda jkisser il-fanali;
Tellgħuh fuq il-bejt
Beda jgħajjat 'il taż-żejt;
Tellgħuh fil-gallarija
Beda jgħajjat daqs tarbija;
Haduh fil-katalett
Beda jaqbeż daqs mulett.

### XXXII

## DGHAJSA VAPUR

Żewġt itfal joqogħdu fl-art, wieħed iqiegħed saqajh miftuħa fuq ta' l-ieħor u waqt li jbandlu 'l xulxin igħidu:

Dgħajsa vapur.
Jerġa' jiġi u jerġa' jmur;
Dgħajsa bittija.
Bil-ġuġu ta' Sqallija.
(Tarxien).

Bonelli (*Il Dialetto Maltese* fl-Arch. Glott. It., Suppl. 1907, p. 9) jagħtiha hekk:

Dgħajsa galjotta,
Dgħajsa xanbekkin;
It-Torok kanalja
L-Insara qaddisin.

Mill-Belt smajtha mod ieħor; u kif sa naghtiha issa għandha ftit mill-*Banni Bannozzi* (Nru. III):

Dgħajsa bittija,
Ġuġu ta' Sqallija.
Morna San Ġiljan.
Ltqajna mal-Papà.
Ġibilna l-biskuttini.
Għamilniehom fil-fardal;
Il-fardal kien maħmuġ.
Għamilniehom ġewwa l-but;
Il-but kien imtaqqab
Għamilnihom ġol-kexxun;
Fil-kexxun kien hemm ġurdien
Qabdithulna Madalien
Kollox għal (isem)
Għal (isem ieħor) xejn!

**TIXBIH**

It-tbandil inxebbhuh mal-qdif fuq ix-xwieni ta' dari—jista' jkun ifakkar il-ġrajja ta' meta kienu jkunu jaħarbu mit-Torok. Qb. għal dan il-ħsieb din li jagħti Pitrè taħt l-isem *A lu Marinaru* (Giuochi Fanciulleschi, p. 329) fejn il-kliem li jgħidu huma:

Voca, voca lu marinaru;
Ajutamuni. chi vennu li Turchi!
(Mazzara).

## XXXIII
## DURA DURELLA

Jiltaqgħu qabda tfal, aktarx bniet (għalkemm tara subien ukoll), jieħdu id b'id, jagħmlu qagħqa u waqt li jduru tond igħidu:

Dawra durella.
Qasba zagarella.
Hija l-Abbatija
Bil-maktur tal-mustaxija
Axxa!
Missierek mastrudaxxa!

Ma' l-*axxa* t-tfal kollha jinżlu fl-art kokka u mbagħad jerġgħu jqumu.

Ir-raba' vers ġie li tisimgħu: "Bil-mustaċċi u bis-sidrija". Aktarx li *dawra* fil-qedem kienet *dura*, u għalhekk l-ewwel vers kien *Dura durella*.

Barra minn din li ġibna, ġie li tisma wkoll dawn il-versi waqt il-logħba li semmejna:

Anġolin, Anġolin!
Ġej vapur!
—Minn fejn ġej?
—Mill-Ħamrun?
Meta jasal taħt il-mina
Jagħmel: Xiqq! Paqq! Pumm!
(B'kara).

Frasja! Frasja!
Ara ġejja mogħża
Bit-tombarelli f'rosha
Is-siġġu ma' saqajha
It-tfal jiġru warajha.
(B'kara).

**TIXBIH**

L-Ingilterra l-logħba ssir bħal hawn Malta. L. Spence (op. cit. p. 89), jagħti l-kliem li jgħidu, li hu hekk:

Ring a ring o' roses
A pocket full o' posies
One for you, and one for me
And one for little Moses
A-tisha, a-tisha, a-tisha.

Mal-kelma *a-tisha*, bħal ma jagħmlu t-tfal Maltin ma' l-*axxa* tat-taqbila li tajna, igħollu idejhom u jinżlu baxxi.

Fil-logħba Sqallija *Rota Rutedda*, il-kliem li jagħti Pitrè (*Giuochi Fanc. Sic.*, p. 59) huma dawn:

Rota rutedda
Lu pani a fedda a fedda,
La missa sunò.
L'ancilu calò,
E calò a dinucchiuni,
Quantu è beddu lu Signuri!
Olè!

Mill-kliem din ma tixxiebahx ma' tagħna.

## XXXIV
## IS-SULTAN U T-TIGAN

Din hija waħda mill-iktar taqbiliet magħrufa. Tgħid hekk:

Darba kien hawn sultan
U ħabat mat-tigan;

It-tigan irid il-bajd,
Il-bajd għand it-tiġieġa,
It-tiġieġa trid in-nuħħala
In-nuħħala għand it-taħħan (furnar)
It-taħħan irid il-flus.
Il-flus għand l-istampier.
L-istampier irid il-ward,
Il-ward ġewwa l-qasrija.
Il-qasrija trid l-ilma,
L-ilma ġewwa l-bir,
Il-bir irid il-qannata.
Il-qannata trid il-ħabel.
Il-ħabel ta' l-istoppa,
Appa!
Il-ħabel skappa!

(Luqa, il-Belt).

Bonelli (*Saggi del Folklore dell'Isola di Malta*, 1895, p. 9) jagħti l-istess taqbila b'xi tibdil 'l hawn u 'l hinn.

## XXXV
## PIZZI PIZZI KANNA

Kif waslet għandna, din il-għanja tat-tfal tinsab imħawwda ħafna. Tagħtina x'nifhmu li fiha versi miżjudin u mdeffsin kif ġie ġie. Biss mill-erba' varjanti li sa nagħtu, u mill-versjoni Sqallija li nġibu wara, nistgħu naraw liema huma l-elementi oriġinali għax jidħlu f'kull varjanti li nagħtu hawnhekk:

(1) Pizzi pizzi kanna.
Dolores ta' Sant'Anna;
Sant'Anna tal-murina
Habba l-biċċa l-pellegrina;
Biċċa ħut ħut,
Kwantu dirci di kavut?
Biċċa ħalla ħalla
Kwantu dirci di kavalla?
Il-beritta ħamra ħamra.
Bil-bukkett tal-ġiżimin;
Ġejja mara minn Ħaż-Żabbar
Bil-geżwira u bil-fardal:
Appajpija! Appajpà!
Hobb il-mara, ħobb it-tfal.
Hobb 'il Ċikku l-iskarpan;
Appajpija! Appajpò!
Bella kaxxa ġiġġifò;
Mgħaref tal-fidda,
Bandiera tal-ħarir,
Ixtrilu biċċa qubbajd,
Itmagħħielu, bellagħħielu,
Ħabbatlu rasu mal-ħajt.

(B'kara.)

(2) Pizzi pizzi kamellò
Eppejpija eppejpò;
Bella kaxxa ġiġġifò;
Pizzi pizzi kanna,
Dolores ta' Sant'Anna,
Sant'Anna tal-Morina,
Habba l-biċċa l-pellegrina,
Mgħaref tal-fidda,
Bandiera tal-ħarir,
Noli kannoli
Insara qaddisin.

(Valletta).

(3) Pizzi pizzi kamellò,
Eppejpija eppejpò;
Xoxxa lavanda,
Spara kanun.
Balla fejn tmur?
Tmur il-Lubjana
Taqta' pezza Indjana (libsa)
Tmur il-Buskett
Taqli l-bajd u iz-zalzett;
Hija beda jibki,
Tajtu tazza rum,
Xeħetha fil-vażun,
Tajtu tazza brandy
Taha liz-zija Randi.

(Il-Belt).

Temi Zammit jikteb din bil-lapes mal-ġenb tal-ktieb ta' Pitrè li semmejna (p. 37):

(4) Pizzi pizzi kanna
Duluri ta' Sant'Anna
Sant'Anna tal-murina
Habba l-biċċa l-pellegrina
Dgħajsa tal-fidda
Bandiera tal-ħarir
Ommok il-Madonna
Missierek Ġesù Bambin.

## TIXBIH

Qb. ma' tagħna dawn minn Sqallija (Pitrè: *Giuochi* etc., p. 37, 39):
Pisa pisella
A culuri di cannella,
Cannella accussi fina

Di Santa Marina;
Marina e mulinara
Di 'n celu nni cala,
Nni cala pi favuri
'Na pinna di picciuni
Bi ba!
Nesci fora e vola ččà.
(Palermo).

Pizzu, pizzu, pizzuluni,
E di Napuli è baruni
(o Va nni Napuli a buluni)
Va nni Santa Margarita,
Ti fa dari un pizzuddu di pani.
E va' guarda li funtani.
**Li funtani su' guardati.**
Vacci tu spezza-cannati.
Sutta lu lettu di mastr'Antuninu
Cc'era un gaddu chi cantava,
E facia *cucurucù*!
Sita e capizzola
Trasi dintra e nesci fora.
(Palermo).

Pitrè jagħti wkoll dawn l-ewwel erba' versi minn Pomigliano d'Arco, fejn it-tielet vers ifakkar fil-vers tagħna "Eppejpija, eppejpò":

Pizza, pizza, pizzipogne!
E la morte di Sampogne
E pipì e pipì
Auza 'a 'mma e ba accussì.

### XXXVI
### IL-GRANĊ LI TELA' R-RAMLA

Domt intella' u nniżżel ħafna jekk għandix inġib din it-taqbila, il-għaliex għalija għandha iktar mill-istil tal-ħrejjef imqabbla ta' Preca u ta' G.A. Vassallo milli mit-taqbil tal-poplu. Għandha mnejn kienet f'xi ktieb ta' l-iskejjel xi darba u hekk tgħallmuha u baqgħet nieżla fit-tradizzjoni. Imma billi ma rnexxilix insibha stampata sa nagħtiha flimkien ma' varjanti li tidher imnissla mill-ewwel waħda li sa nġibu:

Darba l-granċ kien tela' r-ramla
Kien qed jirgħa għal xi duda;
Il-kelb lemħu, qal: Sa nieklu,
Għax għandi żaqqi niexfa għuda".
Meta ħass in-nejba tqarmeċ
Qal: "Jien ħaqqni mmut dal-waqt
Għaliex jien maħluq għall-baħar
Ma kellix x'irridha l-art."
(Munxar u Valletta).

Mis-Siġġiewi smajtha hekk:

Meta l-granċ tela' r-ramla
Biex isib xi duda x'jiekol
Jilmaħ il-kelb niexef għuda
U l-qarmuċa jqarmeċ
Qal: "Aħjar ninżel minn dir-ramla
Għax sa mmut b'din il-marda."

### TIXBIH

Qb. in-*nursery rhyme* Ingliża "A Frog He Would A-Wooing Go" fejn fiha l-versi:

As froggy was crossing it over a brook
A lily-white duck came and gobbled him up...
...(Ara Leon Kellner, op. cit. p. 18).

### XXXVII
### RAJTU XEJN

Din it-taqbila aktarx ġejja mit-Tlitt Ibliet għalkemm jien ma smajthiex hemm. *Fuq Santa Margerita* huwa Bormla. *Bellurasu* ssibu bħala laqam.

Rajtu xejn 'il tiegħi
Fuq Santa Margerita?
Bil-borża milgħuba
Bil-ħdura magħluqa?
Kemm huwa skunċ-inzjat
Mar u ħallieni waħdi
Ħallieli sebat itfal!
Mar jixtrili kwart trunbuni
Trunbuni jitrunbunjaw.
Tona ta' Lippu
Għandha 'l Paċikku:
Bellurasu
Qata' rasu;
Wieħed faqqas, l-ieħor tar!
Wieħed mar fuq it-Turretta
L-ieħor mar fuq il-kampnar.
Kavetta l-imqaxxar
Imqassam u spiċċat.
(Il-Belt).

### XXXVIII
### BAQRA, BAQRA TAS-SULTAN

Minn Għawdex smajt dan id-djalogu:

Baqra, baqra tas-sultan!
'Il min nieħu? — Tieħu 'l dan.

—'Il dan ma rridux;
Irrid 'il dan.

(Munxar).

Naħseb li dawn l-erba versi huma l-fdal ta' xi logħba tat-tfal li fiha kien jidħol dan id-djalogu. Fi tfuliti f'Ħal Tarxien konna nilagħbu logħba li l-idea tagħha kienet tixbah lil din ta' hawn fuq. Konna nagħtu isem ta' lewn lil kull tifel u mbagħad jiġi wieħed taparsi biex jixtri u l-*imgħallem* igħidlu:

*Che colore*
*Cosa vai* (*vuoi* riedet tkun)
X'kulur trid?

U l-ieħor kien igħidlu, ngħidu aħna, *L-ikħal*! u dak it-tifel li jkollu dak l-isem imur miegħu. U jibqgħu sejrin hekk sakemm ma jibqax tfal iktar.

### TIXBIH

Qb. il-logħba Sqallija *A li Culùra* mogħtija minn Pitrè (*Giuochi* etc. p. 261). Id-djalogu f'din il-logħba, kif igħidilna Pitrè, isir bejn l-Anġlu u l-imgħallem:

Angelo: *Voggiu un culuri*! Mastro: *Chi culuri vuliti*? Angelo: *Vogghiu* p.e. *'n'arricchina d'oru*. Se tra giocatori v'è uno che ebbe questo nome, il mastro dice: *Pigghiativilla*, e gli consegna *Arricchina d'oru*, il quale giulivo e festante balza in piedi e segue l'angelo; se *Arricchina d'oru* non c'è, l'angelo va via a testa bassa come mortificato.

## XXXIX
### O MARIJA ĊULJA

Din it-taqbila tidher imħallta sewwa. It-tieni nofs tagħha meħud kollu mit-talb ta' qabel ir-rqad li n-nisa tar-rħula għadhom igħidu. L-ewwel biċċa tidher miżjuda.

O Marija Ġulja
Oqgħod għarkubbtejk!
Hares lejn is-Sema
Ar' min hu għaddej;
Għaddej Ġesù Bambin
Qalb il-ward u l-ġiżimin;
Sodda salib
Imħadda kuruna.
Min iħobb il-Bambin ċkejken
Ikollu xortih ventura.

(B'kara).

## XL
### O SANTA KATARINA

Hawn bħal ħanfusa li t-tfal isejħu "Santa Katarina". Tkun sewda, u meta tieqaf għandha ħabta tgħolli l-biċċa ta' wara. Meta konna narawha hekk, konna ngħidulha: "Katarina, għolli denbek". Din it-taqbila, li ġbart mill-Belt, għandha x'taqsam ma' l-istess ħsieb. Tgħid hekk:

O Santa Katarina
X'int tagħmel għarkubbtejk?
Epò, epò, elà!
Epò, epò, elà!
—Qiegħda nadura 'l Alla
Għax int ma tadurahx.
Epò, epò, elà!
Epò, epò, elà!
—Ġibuli s-sikkina,
Ġibuli x-xablott!
Epò, epò, elà!
Epò, epò, elà!

(Il-Belt).

## XLI
### MIN JIĊI JIBDA

Qabel jibdew jilagħbu, it-tfal jaqtgħu t-tokk. Kulħadd jiftaħ is-swaba' ta' id waħda kemm jidħirlu, min ikun qal "għalija min jiġi jibda" igħodd ta' kulħadd u mbagħad jibda jgħodd minnu nnifsu sa kemm jasal in-numru li jkun ġie b'kollox. Fuq min jaqa' dan in-numru jibda huwa. Jonkella, skond il-logħba xi tkun, joqgħod *qattus* hu. Issa barra l-għadd hemm ukoll mod ieħor biex jibdew il-logħob. Igħidu sillaba sillaba xi taqbiliet, u fuq min taqa' l-aħħar sillaba jibda jew joqgħod qattus hu. Minn dawn igħidu aktar minn waħda. Bil-varjanti rnexxieli niġbor ħamsa minn irħula differenti. Huma dawn:

(1) Kemm trid bombi biex tispara
Il-kanun ta' Birkirkara ?
— Ix-xadina fuq il-mejda
Qiegħda tiekol platt kawlata.

(Tarxien).

(2) Amm! Amm! Amm!
Pinitin pinitenza;
*Cosa fa?*
Pinitin pinitenza;
*Uno seventeen,*
Ha:ġet ix-xiħa
Bl-imħakka u bil-brinġiela;
Hareġ ix-xiħ
Biex jqaxxar mustaċċieh.
(B'kara).

(3) Amm! Pamm! Pamm!
Pililin pililenza;
Tu ga fa!
Kutulù kutulenza!
Ala ala mì,
*Two seventeen;*
Pililin pamm pomm!
Il-libsa kollha linka
Tilinn tann bomm!
Harġet ix-xiħa
Tnaqqar il-brinġiela
Hareġ ix-xiħ
Inaqqar mustaċċieh.
(Il-Belt).

(4) Imm pomm pomm
Pi:i piri lanza
In for mì,
Fa so la sì:
Imm pomm pomm!
Piri piri lanza;
Kemm trid?

U fuq min taqa' l-kelma *trid* igħid, ngħidu aħna: Għaxra! Igħoddu għaxra u min jiġi l-għaxar wieħed jibda.
(Żejtun).

(5) Amm amm amm!
Piri linn, piri lenza;
Tu ga fai
Kara mi, kara Wenza;
Ala ala mì,
Tu sei fuggì;
Amm amm amm!
Piri linn pamm pomm!
Kemm trid?

U jsir l-istess bħal ta' qabilha.
(Sliema).

### TIXBIH

Barra l-ewwel waħda, jidhru li fihom influwenza barranija. Biss għalkemm il-kliem jidher li hu barrani, aktarx Sqalli, ħaġa kurjuża kif ma ssibhomx fil-kitba ta' Pitrè .L-iktar li tersaq hija din minn Aci:eale li Pitrè jġib taħt ir-ras *Canzonette e Filastrocche per Contarsi* (Giuochi etc., p. 41):

Unu dui e tri
Fila, fila fa,
Fila, fila, fila,
Fila, fila fa.
Te ren fan sin ze len ca
An sche, ten sche
Anali da.

## XLII
### TANGA TANGUNA

Minn Għawdex smajt din it-taqbila:

Tanga tanguna,
Sabella Sabellika.
Igdem idek u erġa' busha;
Taħt it-toppu tal-għarusa
Igd:mha u busha.
Sabbatha ma' l-art
Halli jiġi ħanżir l-art.
(Rabat).

Minn Malta l-varjanti tagħha tgħid hekk:

Twieqi twieqi bla purtelli,
Qasba qasba zagarelli;
Toppu għarusa
Igdimha u busha;
Waqqagħha fl-art
Sakemm jiġi ħanżir l-art.
(B'kara).

*Sabellika* huwa l-isem ta' l-insett li aħna hawn Malta ngħidu *kola* jew *Nanna Kola*. Ix-Xewkija, Għawdex, jgħidulu *bu:ulliega*. Għat-taqbila fuq il-*Kola* ara din ta' wara. Fiż-żjidiet mss. ta' Ċensu Mifsud Bonnici taħt *Sabbella* naqraw: kola, duda żgħira sabiħa, tleqq u mżewqa, milli jtiru.... Iż-Żwieten igħidulha *barbażjola*.

## XLIII
### KOLA KOLA

L-insett li aħna nsejħu *kola* huwa dak li bl-Ingliż jissejjaħ *ladybird* u bit-Taljan *coccinella*. Meta tiġi xi *kola* fuq xi siġra tisma' t-tfal igħidu:

Kola Kola
Mur l-iskola;
Aqbad siġġu
Ibda ogħla.
(Il-Belt).

Din it-taqbila kif smajtha l-Belt, imma aktarx li tisma' biss l-ewwel żewġ versi.

**TIXBIH**

Inġib din in-nota filoloġika interessanti ħafna tal-Professur G. Aquilina, li dehret f'*Leħen il-Malti* (Ott.-Diċ. 1945, p. 125):

"Dessoulavy jaħseb li l-kelma Maltija għandha x'taqsam mal-kelma Għarbija *kūla* 'which is rather a hedgehog'. Barbera jaħseb li hi mqassra mit-Taljan *coccinella*. Fis-sew, imma, l-kelma Maltija hi taqsira ta' *Nicola*. Mat-taqbila tat-tfal tagħna 'Kola, Kola, mur l-iskola', qabbel l-Isqalli 'Cola, Cola, vatteni alla scuola' (Catania). Skond Giacomo de Gregorio fit-tmien volum ta' *Studii Glottologici Italiani* (p. 99) 'Santo Nicola', asello (Noto); *gallinetta della Madonna* (Palermo) *vola, vola, santo Nicola*, invocazione Palermitana alla *coccinella septem punctata*. Raffigurata in San Nicola la coccinella è la protettrice dei bambini".

It-tfal Ingliżi lill-*kola* jsejħulha hekk: (Vide Opie: *I Saw Esau*, p. 112):

Ladybird, Ladybird,
Fly away home.
Your house is on fire.
Your children will burn.

XLIV
**ĠANBOMBLU**

Ġanbomblu tat-tursin,
Tajtu n-nar ma jridx isir;
Ġanbomblu tan-nuħħala,
Tajtu n-nar ma jridx jispara.
(Il-Belt).

XLV
**TINN! TINN!**

Tinn! Tinn! Ejja 'l hawn!
Tinn! Tinn! Mur minn hawn!
Għandi kelb jismu Babaw;
Għandi mogħża bil-qanpiena
U l-ħalib nixorbu jiena
jew
Kull filgħodu ddoqqli t-tmienja.
(B'kara).

XLVI
**TAJ W ITRI TAJ**

*Taj* hija kelma tat-tfal li jgħidu meta wieħed jaħbi wiċċu u jerġa jikxfu. Tmur ma' *tula*. Il-kelmiet *tira* u *tura* fit-tielet vers jidhru qegħdin hemm għar-rima biss.

Taj w itri taj,
Mara xiħa tmut malaj:
Tira w itri tura
Żewġ nagħġiet jagħmlu għabura.
(B'kara).

Varjanti tagħha hija din:

Ċallas ballas,
Min għandu l-flus iħallas;
Tira w itri tura
Żewġ nagħġiet jagħmlu għabura.
(B'kara).

XLVII
**TAQBILIET OĦRA**

Taħt din ir-ras se nġib dawk it-taqbiliet qosra li nġabru minni jew minn ħaddieħor u li ma deherlix li għandi ntihom numru għal kul waħda. Minnhom tisma' ħafna oħrajn li għad iridu jinġabru:

1\. Ajma żaqqi kemm tuġagħni
Għax kilt l-għeneb mhux misjur:
Iddendilt mal-kannizzata
Qisni kelb tal-kaċċatur.
(Tarxien).

2\. *Ain't she sweet!*
Tan-nanna u ta' Gerit;
Tan-nanna ħelu manna
Ta' Gerit ħelu penit!
(Tarxien).

3\. Meta torqod għid Rużarju
Għax jiġi ta' denbu twil:
Jitlagħlek fuq is-sodda
Jibda jtik bil-qara' twil.
(Valletta-M'draġġ).

4\. Johnny ġonta,
F'imnieħru għandu ponta;
Ponta mhux musmar
Naqqarhielu id-dundjan.
(Tarxien).

5. Ċettina marret Wembley
Marret tixtri it-tadam,
Għamlitu balbuljata
Tlitt ijiem tal-Karnival.
(Tarxien).
6. Libsa tal-bellus
Itqum il-flus;
Tuba fuq tuba
L-għarusa misluba.
(B'kara).
7. Glorja Vitorja
L-Anġli kollha jkantu Glorja;
Siġġu fin-nofs
Ħames soldi ratal ħobż.
(B'kara).
9. Pss! Pss! B'sitta nbegħlek;
Pss! Pss! B'sold ukoll;
Pss! Pss! B'sikkina noqtlok
Pss! Pss! B'sejf ukoll.
(Tarxien).
10. Ġili ġili ġà!
Kasusella kasusà;
Toppu għarusa
Igdimha u busha.
(Il-Belt).
11. Ġejja mara b'libsa sewda
Ċemplet il-qanpiena,
Għolliet il-lukkett,
Daħlet ġewwa
Neħħiet il-kappell.
(B'kara).
12. Ara ġejja l-mewt għalikom
Biex tixwikom u taqlikom;
Ara ġejja! Ara waslet!
—Ħalli tmur!
(Il-Belt).
13. Baqqa baqlija!
—Toqtolni f'lejl
'Ma nagħmel mija.
(B'kara).
14. Ibni, ibni, mur il-bur,
Irgħa n-nagħġa u l-muntun;
U la taqta' l-ebda tina
Anqas domna tal-ħarrub.
(Siġġiewi).

Stumme (ibid. p. 65) iġib dawn:

15. Una peduna.
Kalzetta u żarbuna;
Mentna ċentna,
Minnek ħareġ il-puff.
16. Kemm ċekċek il-ġurat,
Fil-kexxun ta' Liberat!
Kemm ċekċek il-ġurdien
Fil-kexxun ta' Madalien!
17. Kien hemm tifel u marid,
Qallha: Ma, ġibli t-tabib!
It-tabib tal-furmarija,
Qażquża mixwija
U qolla nbid,
..........., f'wiċċ it-tabib.
18. Morna San Girgor
Tgħattejna bil-liżôr;
Ħallejna ż-żokra barra
Naqqarhielna iż-żinżôn.
(Imdina).

## XLVIII
## TAQBILIET BLA SENS

Dawn aktarx issibhom b'xi kliem li mhux Malti, u bħal dawk li semmejna taħt XLII, għalkemm il-kliem aktarx ikun Sqalli, ma ssibx bħalhom Sqallija. Inġibu dat-tnejn:

1. Ni mi fa
So, la re mì;
A pe di
Ce re sa mì;
Ruxxe tutte
Marsamxett;
Marsamxett a hija hu,
Do re mì,
Fa so la sì.
(Lija).
2. An filippo ombrelle zami brille
Xi papa xi on letè
Xi patriċi andà;
Regatta, regatta
Regatta mosidoni;
Eni, eni,
Eni trabulata;
Anzi andoni
Si eri fuggì,
Sodda karozza
Anni u Marì.
(Sliema).

## XLIX
## SIAMO SETTE

Logħba aktarx tal-bniet. Joqogħdu tnejn b'idejhom mgħollija qisha mina u

minn taħtha jgħaddu t-tfal l-oħra. Waqt li jkunu għaddejjin dawk it-tnejn igħidu:

Siamo sette
Cavaliere putrecille,
Mara, passa via,
Passaaaa... ve!
A la fronte sulate (sudate?)
Mara passa via,
Passaaa... ve!

Ma' l-aħħar *ve'* iniżżlu jdejhom u jaqbdu waħda mit-tfal li jkunu għaddejjin minn taħthom. Isaqsuha, ngħidu aħna: "Xi trid? Salib tal-fidda jew ġiżirana taddeheb?" Issa dawk it-tnejn ikunu ġa ftehmu li min igħid mod imur wara waħda, u min igħid mod ieħor wara l-oħra. Skond kif twieġeb dik it-tifla tmur wara waħda minn dawk it-tnejn u terġa' tibda t-taqbila. Jibqgħu sejrin hekk sakemm ma jibqax tfal iktar iduru.

Mill-kliem tidher li mhix logħba Maltija, imma ma stajtx insib xi waħda tixbaħha fil-kotba li qallibt s'issa.

L

## IL-PAXXATORE

Joqogħdu żewġ ringieli tfal biswit xulxin, imma ftit imbegħdin. Ringiela minnhom, id f'id, jibdew jersqu 'l quddiem u lura u jgħidu strofa. Imbagħad jibdew tat-tieni ringiela u jwieġbu huma. Iddjalogu, bejn wieħed u ieħor, huwa dan:

*1el ringiela:*
Bubupp bubupp il-bieb!
In ġiro n ġiro nġella;
Bubupp bubupp il-bieb!
In ġiro l-Kavalier.

*2ni ringiela:*
In ġiro in ġiro nġella
In ġiro l-Kavalier;
In ġiro in ġiro nġella
In ġiro l-Kavalier.

*1el ringiela:*
Min ġie? Min ġie? Min ġie?
In ġiro in ġiro nġella;
Min ġie? Min ġie? Min ġie?
In ġiro l-Kavalier.

*2ni ringiela:*
Gie il-Paxxatore
In ġiro in ġiro nġella;
Gie il-Paxxatore
In ġiro l-Kavalier.

*1el ringiela:*
Xi jrid il-Paxxatore
In ġiro in ġiro nġella?
Xi jrid il-Paxxatore
In ġiro l-Kavalier?

*2ni ringiela:*
Irid tifla sabiħa!
In ġiro in ġiro nġella;
Irid tifla sabiħa,
In ġiro l-Kavalier.

*1el ringiela:*
Min hija din it-tifla?
In ġiro in ġiro nġella
Min hija din it-tifla?
In ġiro l-Kavalier.

*2ni ringiela:*
Din hija Ġużeppina (jew isem ieħor)
In ġiro in ġiro nġella?
Din hija Ġużeppina,
In ġiro l-Kavalier.

*1el ringiela:*
X'sa jtiha l-Paxxatore?
In ġiro in ġiro nġella;
X'sa jtiha l-Paxxatore?
In ġiro l-Kavalier.

*2ni ringiela:*
Sa jtiha ġurdien moqli (jew ħaġ'oħra)
In ġiro in ġiro nġella;
Sa jtiha ġurdien moqli
In ġiro l-Kavalier.

*1el ringiela:*
U dana mhux biżżejjed:
In ġiro in ġiro nġella;
U dana mhux biżżejjed:
In ġiro l-Kavalier.

*2ni ringiela:*
Intuha libsa sabiħa
In ġiro in ġiro nġella;
Intuha libsa sabiħa
In ġiro l-Kavalier.

*1el ringiela:*
Nixtrulha żarbun sabiħ
In ġiro in ġiro nġella;
Nixtrulha żarbun sabiħ
In ġiro l-Kavalier.

(Tarxien).

Fl-aħħar it-tifla l-magħżula tmur toqgħod bil-qiegħda għaliha u l-oħrajn jerġgħu jibdew mill-ġdid sakemm waħda waħda jispiċċaw it-tfal kollha.

ANTHONY & JOSEPH PAVIA

PHOTO GOODS DEALERS

6, ST. JOHN'S STREET—VALLETTA

DEVELOPING, PRINTING, ENLARGING

NEXT DAY SERVICE

---

A. BORG & Co.

OPTICIANS

27, OLD TREASURY STREET—VALLETTA

( Near Bonaci's Premier ).

A Large assortment of Lenses, Frames and also specially made by prescription etc. etc.
All repairs punctually executed.

**Prices not to Fear Competition.**

---

PAOLO CAMILLERI

*A LA VILLE DE LYON*

105, 106, ST. JOHN SQUARE - VALLETTA.

**GENERAL DRAPERY**

---

LEWIS & Co.

40, 41, ST. ZACHARY STREET,
VALLETTA.

DRAPERY & TAILORING

# CAFE' PREMIER

QUEEN'S SQUARE — VALLETTA.

THE QUALITY HOUSE

FOR

ICE CREAM,

CAKES

AND

CONFECTIONERY

**ORCHESTRA**
**EVERY**
**EVENING**


---

Stampata fid-Dar ta' San Ġużepp.